# STORIA
# TAD-DEHRA TAL IMMAGINI



## ...ta Maria Santissima
### TAL BON CONSIL

...BA MIL CURAT TAS-SANTUARIU

P. GIOV. M.^A GENOVESE Agostinian

MZU:PBN
P.B.163
G

9.11

# STORIA

## TAD-DEHRA MIRACULUSA

TAL

# Immagíni ta Maria tal Bon Consil

IVVENERATA

fis-Santuariu tal Patrjiet Agostiniani

F ' GENAZZANU

mictuba min P. G. M. Genovese Agostinian
Curät ta l'istess Santuariu

GENAZZANO
Tip. A. Fratalocchi
1900

489956

# PROTESTA.

Biex nobdu l'id-Degrieti tal Papa Urbanu VIII, nipprotestau ruhna. li ma nifmux l' inzommu b' miracli u rivelazionijet, ghair dauch li il Cnisia izzomm b'miracli u rivelazionijet, cullma nghejdu nassoggettauh lit-taghlim tal Cnisia Cattolica Apostolica Rumana.

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA
MAIN LIBRARY

LIL UISK REV: PATRI BACCILIER ES:

**EMMANUELE M. ABELA**

GHAL DARBTEIN PROVINCIAL TAL AGOSTINIANI

CAPPILLAN

FL' ISPDAL MILITARI TAL MDINA

BENEFATTUR

TAL PROVINCIA TA MALTA

U TA DAN IS-SANTUARIU FAMUS

DAN IC-CKEIKEN CTIEB DESTINAT

BIX TICBER ID-DEVOZIONI TA M. SSMA.

TAHT IT-TITULU NOBILI U HELU

TA OMM TAL BON CONSIL

**L' AUTUR**

B' SIGNAL TA KIMA U CBIR RISPETT

JOFFRI U JDDEDICA.

## GHAL MIN JAKRA

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

*Chem il-lum hia mxerda il kima u id-devozioni lein il gran Vergni Maria taht bosta titoli ma aux min jchdu. Izda fil ftit tazzmien li ili aun Cappillan tas-Santuariu sibt li hia bil bosta izied mxerda milli cont nahseb id-devozioni lein M.ª SS.ma taht it-titulu helu u nobili ta Omm tal Consil it-tajeb. Il ghalix ghal kima li ghandom l'Insara lein dina l'Immagini prodigiusa ta M.ª igiu izurua sa mill' ibjighed paijsi ta l'America, u b' devozioni lima phala.*

*Ora uihed mill' akua mezzi li*

*bighom ma cullimchien xterdet dina id-devozioni sibt li huma il cotba li ithaddtu bi qualunque lingua fuk l'Istoria prodigiusa ta l'Immagini tal Bon Consil; u meta dana hua mezz potenti, stait iena nokghod f' sicti, meta naf illi l'istampa maltia ghamlet tant progressi fil Gzira patria tighi, bla ma ngib dina l'Istoria tant sabiha fil-lsien malti? Iena ngheid chif hasseita, gitni dakxein ta l'gheira illi ma ghanniex dan il ctib bil malti specialment li il maltin mux biss tghoz dina id-devozioni, izda ucol li jafu it-trionf u il vittoria tahhom fuk it-Toroc min Maria SS.ma taht dana it-titulu ta Omm tal Bon Consil ghalchem dan mux mgharuf: chif tixed tajieb l' Istoria li chiteb bl' Inglis Mons:* Giorgio Dillon D. D. *u ghalech fuk dana nithaddtu f' Cap izied ahiar.*

*Ghaldakstant b' fiducia kauuja lein Maria SS.$^{ma}$ illi dan il ctieb jigri fl' idein ta culhatt u mighu toctor u issehh id-devozioni lein il Gran Vergni Maria, li il consigli tahha materni huma ta haja gharruh u ghal gisem, iena tait ruhi bix nicteb dina l' Istoria fl' lsien malti mill'ahiar li stait u b' semplicita u kosor li ma nxebbax u ma ndejakx lil min jakrgha.*

*Dan il ctieb hua mkassam f' zeug parti; il uahda tithaddet mill Istoria tal Immagini miraculusa, fein chinet, chif dehret f' Genazzanu u blima trionfi tinsab; l'ohra figha gemgha ta talb ghaziz li ipaxxi id-devozioni ta l' Insara, specialment tas-sess devot li hia uisk ghal kalbom il kima u id-devozioni lein M.$^{a}$ SS.$^{ma}$ tal Bon Consil.*

*Nitma ghalech li dina l' Omm*

*hanina tilka bil kalb dan ix-xghol zgheir u mseicken tighi, u nitloba tbericuli fil uakt li iena mixhut f'rigleia noffriula mil fond ta kalbi, u tghamel li dan il ctieb icun milkuh mid - devoti tahha Maltin huti ghal fini principali tighi li tcun, chif ghedt gia, mxerda izied u maghrufa dina id-devozioni lein l' Omm hanina tal Bon Consil.*

P. G. M. G. C. A.

# LEUUEL TAKSIMA

§ I.

## Genazzanu u il kima lein Maria SSma. taht ittitulu ta Omm tal BON CONSIL

Tletin mil bghod min Ruma fein il campagna tigbed u tghaxxak lil cul min izura f' cul zmien ghattibdil tal hdura, ghal hleua u it-tiubia tal clima, ghad - deliziu insomma li in-natura bih zeinet dan il - loch, tinsab fuk gholia deliziusa il belt ta Genazzanu.

Izda Genazzanu li inti tara il-lum, ma ux dac ta l' eulenin seculi li fighom l' Imperaturi Rumani ghazluh phala villa ta ricreazioni ieu actarx phala giardin destinat li inissel fiuri ghal kuddiem l' Allat foloz VENERE, RUBI-

GALE U FLORA fil festi tahhom. Allura Genazzanu chien fi stat uisk icreh ghal hazen tal Paganesimu, ghal kima tal Allat foloz li chinu jatu l' Imperaturi flimchien mas - sacerdoti pagani: f' dina il belt chienu daun isibu ucol il ghaxka ta kalbom fid - divertimenti tal villel, tal gionna, tal banijet, (li tahhom ghadu jder il fdal,) u fuk collox tal-lghob u il ginnastica, illi min dina il chelma ta l' ahhar bil-latin *Ludi Ginnici* hua gei l'isem ta Genazzanu scond chif iridu uhud mill' Istorici.

Cul sena f' daun in - nahiet ta Genazzanu fix - xahar ta April chinu isiru festi cbar bix jatu kima lil Allat foloz u fost l'ohrain l'Alla, *Rubigale* bix tehles il campagna mil hsara li chinet tigri fit - tgham. Il 25 ta dan izda chin dedicat l' Alla Venere, bis - sacrifici, l' ghob, tigrijet, ginnastica. u xi divertimenti illeciti bix deiem icconservau ieu isehhu il gioventù, li mil - Laziu collu chinet ticconcorri, fil costumi barbari u lictar mokzieza. Daun il festi damu isiru ghal elf sena shah.

Izda Alla l'imbirech billi ma hamilx izied jara u isofri Genazzanu mgharrra

fl' infamità tal Paganesimu, ippermetta li dan il-loch jtbiddel u isir trionf tas-salib mkaddes ta Gesù C. Allura chin li il kima ta l' Allat foloz tbiddlet f' kima vera lein il Gran Alla, u l'allat folòz geu mfarca ghal collox; allura gie adurat Alla uihed bi cbira kima u rispett, u imbghad chin li Gesù C. ta tmiem ghal l' iscandali colla billi nissel f' dan il poplu u tal - Laziu collu devozioni versu il Purità ta Maria SSma. Omm Alla u ghamel li tcun ic-contemplata fis - sbuhia tahha colla u fil virtù li bighom Alla zeijna.

Narau ftit chif grat dina it - tibdila prodigiusa f' Genazzanu, illi minna tnisslet id - devozioni ta M. SSma. mux biss, imma ucol taht ittitulu sabih ta Omm tal Consil it - tajeb.

Uara li il Cnisia chinet ila ipperseguitata u mahkura ghal tliet secoli shah u izied, sa flahhar saret il paci u il hakma ta l' Imperaturi romani ghaddiet ghal collox f'idein leuuel Imperatur nisrani Costantinu I u f' ideih ghadda ucol il patrimoniu u il giid collu li chin jappartieni lil famiglia imperiali. Allura il *Villa Antonina*

b' ta ma duara li chienet fein hu Genazzanu il - lum; dana l'Imperatur nehhia u naddafa u ippurificgha mil costumi pagani, u maz - zmien dina il biccia ard cedigha lil Papa S. Silvestru phala rigal perpetuu ghal hafna Cnejes sbih li imbneu f' Ruma bil hila tighu: u ech l'ard ta Genazzanu min patrimoniu tad - demoniu imbidel f' dac tal Cnisia.

Izda mux il Papa S. Silvestru chien leuuel li nissel il kima lein il veru Alla u lein Maria SSma. u kered il Paganesimu min Genazzanu, izda chin il Papa S. Marc successur tighu, illi dana ghamel u hadem chem felah bix iuakka it-tempj tal Allat foloz. Allura ghamel li timbena leuuel Cnisia, ghalchem zgheira, ad unur ta Maria SSma. taht it - titulu sabih ta Omm tal Bon Consil, u bil politica gharfa min tighu icconserva dac collu li chin lecitu fil festi popolari; per esempiu, dic il festa li semmeina illi chinet issir ad unur ta Alla *Rubigale* bix tehles il campagna min cul deni, il Papa gharaf zamma dina il festa, biss biddel l'oggett tahha, ieu id - divinità ta kabel u ghamel li

issir ad unur ta Maria SSma: u flistess uakt ghallem u uera lil popoli fliema dlamjiet chienu jnsabu, ghallimom iharsu biss lein Alla u M. SSma. illi per mezz tahha, bil patrociniu kauui tahha hia tista tillibera min cul guai mux biss dac li tati il campagna b' cul ma figha, izda ucol lilom infusom mid-deni tar-ruh u tal gisem.

Dina id-devozioni lein Maria bil ftit il ftit chibret u il poplu ta Genazzanu u tal Laziu collu, fei dari fil 25 ta April chin jassisti fil festa principali tal paganesimu, issa jffolla biex igaudi festa ohra uisk religiusa li chinet dedicata lil Maria SSma tal B. Consil.

Min èm il haun il poplu ta Genazzanu chiber u mighu chibret id-devozioni lein l' Omm t' Alla, u ech giet stabilita popolazioni nisrania u cattolica illi bakghet sa min dejem tissollenizza il giurnata tal 25 ta April, phala giurnata ghaziza u dedicata lil Maria li bil consigli taiba tahha gharfet tmexxia flt trik tas-seuua; u dan icconfermatu bil grazi li chinet ixxerred fuka specialment f' dana l' istagiun ta cbira concorrenza ta nies.

Din hia it-tibdila prodigiusa li chinet mux biss causa ta cbir trionf ghal Cristianesimu fl' eulenin zmenijet, imma ucoll chinet il causa tan-nisel taddevozioni lei Maria SSma: taht it-titulu sabieh ta Omm tal Consil it-tajeb illi strument ta dina id-devozioni chin dejem il Papa li semmeina illi uara meutu baka issemma phal Patrun speciali ta Genazzanu, u fil famigli chin baka jnghata dana l' isem ta Marcu, chif hua usu fil pajis icollha li issemmeu l' ulied ghal Protettur ieu Patrun tahhom.

Min ma jarax aun chem tabilhak huma sbieh it-torok t' Alla l' imbirech! O chem verament huma misteriusi u mimlijn b' gherf cbir! Chem ù ibleh mela dach li ma jemminx, ieu irid igheid li mil cas hua gei dac collu li jigri fil cors tas-seculi! Ma ux forsi Alla l'imbirech dac li ippermetti u iggoverna collox b' gherf u kauua ammirabili a gloria tighu u ghal gid tal bniedem? Min igheidlech mela illi dic leuuel Cnisia li mbnit ma chinitx intitolata lil Maria SSma: tal Bon Consil, appuntu bix hia turi li dac chin Consil

ta cbir gherf tal Provvidenza divina ispirat lil Papa S. Marc bix jppurifica Genazzanu mix-xelleragini tal paganesimu u bix jcconserva figha il kima lein il veru Alla? Li chiecu kat uihed ma iric jammetti dan il hsieb sabih, ghandu prova lictar ciara li il-lum Genazzanu hia centru tad-devozioni speciali versu Maria, u b' disposizioni divina, dina id-devozioni ma bakghetc aun biss, izda xterdet mad-Dinia colla u ghamlet gid mux cbir bil ftit fir-ruh, chif ghad narau il kuddiem.

§. II.

## Bidu tas-Santuariu ta Genazzanu per mezz tal Beata Petruccia

Il poplu ta Genazzanu biz-zmien beda joctor u mighu il fidi u id-devozioni lein l'Omm tal Bon Consil: allura chien li chiber ucoll il bzon ta xi Cnisia ahiar u icbar, ghaliex dic li semmeina ftit kabel, uara seculi bosta, kdimet uisk. F' dina l'epoca tas-sena 1356 fa-

miglia uisk taiba u msemmia mad-Dinia colla bl'isem ta *Colonna*, meta acquistat u saret padruna ta Genazzanu hasbet bix is-seui il Cnisia li ghedna. Il Princep allura Pietru Giordanu Colonna sejah il Patrijet Agostiniani li chinu f'Cunvent ckeiken, ftit bghod min Genazzanu, sabix jehdu hsieb uma tal Cnisia u figha jrrecitau l'uffiziu u jaghmlu il funzioniet li chienu jnhtiegiu. Izda ghadda zmien bi zmien u il Patrijet, li chienu actarx fkar, u il popolazioni ictar xtieku li issodisfau id-devozioni tal poplu billi icabbru it-tempiu. Izda min jtma fil hniena u fil Provvidenza t' Alla ghandu ithenna u ghalech il mezzi ma jonksux; tant hu veru, illi f' dina ic-circostanza tghamel parti cbira fl' istoria uahda mara uisk taiba u uisk devota lein l'Omm t'Alla u mzeina b' virtù liema phalom. Dina il mara igheidulna il chittieba illi chinet fkira actarx, izda mimlia u mghonia bl'ahiar huejeg tal Fidi cattolica u dac li hu izied mzeina b' curag eroicu ta vera nisrania. *Petruccia* chien jsima, armla min uihed jsmu Gianni min-Nocera illi dan chien

Procuratur tal Patrijet Agostiniani: Petruccia chinet Terziaria ta l'ordni Agostinian, chienet thob uisk il paijs tahha Genazzanu ictar milli imissa; hsieba chien uiehed biss, f' dan iz-zmien, li timbena xi Cnisia ahiar u icbar milli chien emm allura, scond ix-xeuka tal Patrijet, halli id-devoti ta Maria mux biss tal Pajis imma ucoll il pellegrini li ktaia ktaia chinu igiu izuru lil Madonna, (illi il-lum tinsab fl' Oratoriu tal Cunvent ta l' Agostiniani,) isibu il cumdità colla: izda mnein?

Il ftit li chella Petruccia min sghema hia collu kassmitu sa hansitra chella tbih dara stess bix tara muakkaf it-tempiu t'Alla chif jixrak: imma chicu chien dan biss li tiftakar ghal gih tat-tempiu ftit chien importa; fid-Dinia il hazin ftit ieu uisk cullimchin jnsab u dejem, biex forsi Alla islet minnu xi gid li lilna hua mohbi: u ech u xèin inkas aun giara f' dina ic-circostanza; Petruccia uara li ftakret ghal ahhar chella tcun perseguitata mux ftit hia u titlob ghal bini tal Cnisia; min ighaijara mignuna, min kgheda tigbor ghal bùt tahha, min

ighaddia b' belgha u min b' visionaria ghalix chinet thabbar li giurnata chella tiehu pussess tat-tempiu Maria stess, scond ir-rivelazioni li chellha min ghanda; difatti mux darba u tnein, igheidu l'istorici, illi Petruccia ippredicat lil poplu u kalet li hia ghanda fidi u tama kauuia f' Maria SSma li ma tghaddix is-sena bla ma tara mitmum it-tempiu; u fit tnehid tahha chienet tgheid « *Oh x' Signura cbira ghanda tigi tghammar f' dan it-tempiu!*

U ech chellu icun, ghalix it-tempiu imbeda fis-sena 1467, u fit-tmiem ta din is-sena Petruccia li scond il cors naturali tal huejeg chin imissa ila il kabar ghalli sofriet, u ghal cobor ta l' età tahha ta 80 sena, b' dana collu chella ix-xorti tgheix bix tara mux biss it-tempiu t'Alla chif chienet avzata missema, izda ucol li tcun presenti fid-dehra miraculusa ta l'Immagini ta Maria Omm tal Consil it-tajeb li minnha issa nithaddtu.

§ III.

## L'Immagini ta Maria tal B. Consil thalli Scutari u tmur tokghod Genazzanu

Fil belt principali ta l'Albania li hia Scutari sa min zmien tuil fil Cnisia mseiha scond x'uhud tal Lunziata u scond ohrain tal Bon Consil, chinet venerata b' kima cbira certa immagini ta Maria bil Bambin mghannak mahha illi scond ma iridu bosta storici ghorrief chienet tissejah Maria tal Bon Consil: innisel ta dina ixxbia ma jnsabx. Il poplu ta Scutari min dejem chellu devozioni u kima speciali lein dina ixxbia ta Maria ghal grazzi u il miracoli li chinet taghmel.

Fl' epoca tas-seculu hmistax chien jahkem l'Albania uihed Re nisrani uisk devot ta Maria, u dan chien jsmu *Scanderbergh* ieu il princep Castriota illi bil gherf u bil hakma min tighu, bil ghainuna dejem ta Maria, zamm bgheid f'cul zmien it-toroc mill'Albania li chellom volontà kauuia iehdua taht idejom.

Izda dac li ma giarax f' haitu sär uara meutu; ghaliex it-Toroc allura irnexxilom jahkmu l'Albania colla, u bil mod il mod bdeu ix-xismi u hazen min cul xorta; allura chien li il virtù nisrania bdit tintefa, id-devozioni lein Maria SSma: xi hagia izied, b' tali maniera illi uihed Autur kaddis stkarr bid-dmuh f' ghaineih « *Illi in-nisa, is-sess devot, u specialment iz-zghazah li chienu bl'imhatra bix izeinu l'altar tahha bil fiuri, issa ma ghadomx jehdu dan il gost, u, dac il hû ghar, tbeghdu minna* » Mèta hù ech x'tokghod tghamel Maria f' dan il-loch ?

Fost dauc il ftit li bakghou fidili lein Maria chinu jnsabu tnein min-nies, uihed bl'isem ta *Giorgio* u l'ihor *De-Sclavis*, li daun chienu jehdu hsieb tal Cnisia li semmeina; u ghalech, f 'dan izzmien ta cbir hazen illi l'Insara colla chinu jaharbu, giè x'kallom uara hatna talb l'Alla u lil Maria « Illi uma ucoll jabbandonau lil Scutari patria tahhom u imorru f'ard ohra nisrania. »

Izda kabel ipartu u ihallu il Scutari, jthlu fil Cnisia chif hua xierak bix illicenziau ruhom mill mahbuba Omm

tahhom Maria u kuddiem ix-xbia prodigiusa tahha jnxtehtu gharcupteiom u bid-dmuh f' ghaineom, ghal firda li minnha chienu seirin infirdu, jtolbua b'heggia u hrara liema phala sabiex Hia tgheinom fil viagg tahhom. Ma oh xi prodigiu aun jigi immanifestat! Fil uakt li Giorgio u De Sclavis chienu tant kalbom micsura, già meddeu leuuel passi biex jnfirdu minnha, ictar iharsu lura lein il Madonna inchella il kuddiem, sa chem uaslu fil bieb tal Cnisia, hagia tal ghageb, jlmhu tinkala il pittura mil hait ta dic l'Immagini ta Maria u taksam l'aria tal Cnisia u tohrog mil bieb bla ghainuna ta bnidem u tghola bil mod il mod, tiddauuàr bi shaba lictar baida u risplendenti u terhila ghan-naha tal bahar Adriaticu.

Giorgio u De Sclavis bakghou mistghagbin ghalli giara min din il Madonna, x' igheidu uihed lil ihor ma gharfux, ghaineiom iffissati fuk l' Immagini dejem, hargiu huma ucol mahha mil Cnisia; min banda il uahda ferhana li abbandunat dac it-tempiu, mil banda l'ohra ihossom imdeikin ghaliex ma

jafux fein seira tintilef dic l'Immagini prodigiusa; insomma f' dan il contrast ta hsebijet u tu ghemil gié x' kallom li jaccompagnauha cul fein tmur bla ma jerhua kat; u ech ghamlu; bakghou seirin mahha phallichiecu msehbin min cheucba li tmexxiom cullimchien bi-nhar u bil-leil; ghaliex is-shaba bi-nhar chienet tider oscura u bil-leil baida u risplendenti bix jarau u jgharfu il periculi li mahhom jltakghou, u dana sa hansitra uaslet fein ix-xtaita tal bahar Adriaticu.

Auna iz-zeug pellegrini devoti ta Maria habtu seirin jaktghou kalbom mhabba il bahar, imma ghaliex il fidi tahhom chinet shiha u dac li hù izied mghejunin mill'Ispiritu Santu internament hasseu li huma ma ghandomx jabbandunauha, u ghalech bil curag collu inxtehtu fuk il meug tal bahar u imxeu phallichicu fuk il gebel lictar sàm, sa hansitra uaslu fix-xtaita l'ohra ta l'Italia, dejem ghaineom fissi lein l' Immagini ta Maria li minna chienu jrcievu internament xi consil tajeb u l'ghainuna tahha.

Ma hux esempiu dan l'ictar sabih

ghal min irid icompli il pedati ta Maria SSma, li cioè per mezz tahha icun capaci jofrok il bahar lictar tempestus ta dina il haja ?

Uakt li chin sejer jdlam, is-shaba dehret tiddi xi hagia izied, phala approvazioni ta Maria ghal fidi tal pellegrini Giorgio u De Sclavis, u daun malli middeu rigleiom fuk ix-xtaita ta l'Italia bla ma rposau xein bakghou jmxu mahha sa uaslu f' Ruma fein l' Immagini ghebet ghal collox min kuddiem ghaineom; xein inkas aun giara min dic il cheucba li uasslet is-slaten Magi f' Gerusalem u ghebet, biex daun juru lid-dinia colla il fidi kauuia tahhom fil uakt li chienu jistkarrua fil belt imsemmia.

X'inhu li giara ghaldakstant min Giorgio u De Sclavis meta tilfu din il checucba preziusa li chinet ghaliom ta cbir giid ? U liema sejer icun dac il-loc iffortunat li jlka dan it-tesor ech prezius? Inti li takra nisthailech gia intbaht min dan il-loc, u x'inhu li ghamlu iz-zeug pellegrini; izda compli akra u ammira dejem il Hniena u il Provvidenza t'Alla f' cul ma ippermetti Hu.

Giorgio u De Sclavis meta ma raux izied l'Immagini bis-shaba, uaka fukom suid ta kalb lima phalu illi bdeu jbchu u jxru; Ruma bi hgiara darua bix jarau iek poggitx x' mchien l'Immagini; ma cul min jltakghou isaksuh fuk l'Immagini u jrraccontaulu xi gralom; insomma tliet tiem u tliet jlijli damu ghal xein jggerreu l'aun u l'em biex jrnexxilom isibua; allurmeta semghou sa flahhar l'ahbar illi f' Genazzanu, ftit bghod min Ruma, dehret miraculusament xbia ta M. SSma; ghalech uiehed jsta jssopponi ta chem cbira consolazioni chinet ghaliom, u liema ferh ma giarbux fil kalb tahhom dauc iz-zeug pellegrini.

Chienet leila tas-Sibt 25 ta April 1467, u Genazzanu chien fil festa ta S. Marc; u billi, chif ghedna, leuel Cnisia chienet dedicata lil Maria SSma: tal Bon Consil, fl'istess jum chienet ucol tigi mill'ahiar issolennizzata bi cbira kima u devozioni il protettrici tal Genazzanisi Maria tal B. Consil.

F'dina is-sena, ghax tgheid, ghamlet uisk ghal festa il popolazioni tal Laziu collu; il flera (li ghada jssir sal-lum)

ROYAL UNIVERSITY MELITENSIA MAIN LIBRARY

chinet icbar u ahiar; fil piazza tal Cnisia tal Agostiniani chinet gia kgheda tiffolla in-nies u tistenna illi il kniepel idokku ghal *Ghasar*, u kalb din il folla min igheid illi ma chinitx tinsab ucol mohbia Petruccia mill'ghainein tan-nies bix ma tircevix xi insolenza mhabba il bini tal Cnisia? Iva, Petruccia chienet em, jgheidu l' Istorici, u dic il-leila chinet ferhana u kalbiena ictar mis-solitu, ghalix giè x'kalila illi ghanda tintem xi hagia barra mis-solitu f'dic illeila. U ech chellu icun.

Jokorbu l'erbgha meta in-nies, lesta ghal Cnisia, jsemghou phal cant helu u dakk armonius fil gholi, illi ighaxxi lil cul min jsemghou, u chif hua naturali, culhatt xehet ghainu il fuk bix jara mnèin hu gei dan il cant; hares min aun u hares min em, jlmhu fil gholi tas-sema phal colonna ta shab risplendenti u min emm jttendu li chien gei dac il cant u id-dak helu; kalb din is-shaba jlmhu immagini zgheira u collox flimchien riesak bil mod il mod ghal fuk Genazzanu bid-direzioni lein it-tempiu mibdi min Petruccia. F' dan il uakt li

dic l'Immagini hia niezla fuk Genazzanu il kniepel tal Cnejes dakkeu uehedom phalli chiechu riédu isellmu lil Maria u ihabbru lil poplu li dic hia l'Immagini ta l'Omm t'Alla sejra tiehu pussess ta Genazzanu.

Auna bniedem ma hux capaci jddescrivi il ferh li hass fil kalb il poplu collu u il Cleru, u b'liema ghageb intleu ghal dina id-Dehra prodigiusa ta dina l'Immagini; ictar hua facili li uihed jmmagina dan collu milli jddescrivih. Frattant culhatt beda jffolla biex jara fein hi diehla l'Immagini, u min fomm culhatt cont tisma *Evviva Maria, Maria Evviva,* ghajat li tala is-sema phala incens lictar ifuh u li gibed mil gholi dic l'Immagini li bil mod il mod resket lein it-tempiu nofs mibni u marret tokghod fuk hait ta Cappella bla ma tmiss mighu fein em ghada sal-lum tcompli dan il prodigiu,

Inti li takra tista tahseb x' giurnata, sc'sigha u sc'mument chien dac ta ferh, ghal Genazzanisi specialment; imma fuk cullhat ghal Petruccia, allurmeta rát mitmuma il profezia tahha illi tant ippredicat u hatt ma rïd jemmina;

giurnata insomma chinet ghaliha li figha satghet bir-ragiun tcanta il ferh tal Profeta Simeuni *Nunc dimittis:* (1)

Ighaddu ftit granet uara dina id-Dehra miraculusa, meta uaslu iz-zeug Albanisi Giorgio u De Sclavis f' Genazzanu ificciu it-tesor li tilfu Ruma u b' ghageb cbir tahhom isibuh fit-tempiu ta l' Agostiniani fein allura gharfu taijeb l' Immagini li chinet ghaliom il cheucba li mexxitom u fuk l' ard u

(1) Ftit zmien ghaxet Petruccia uara il migia tal Madonna u mietet ta kaddisa u giet mitfuna leuuel fil Cappella tas-santuariu; uara zmien mbghad giet mkgheda fein hu illum il Fonti tal Mghamudia, u fuk il hait tinsab lapida tar-rham b' dina l'iscrizioni:

PETRUCCIA DE GENAZZANO
MULIER SANCTISSIMA
MONASTERIUM HOC MARIAE BONI CONSILII
VETUSTATE COLLAPSUM
ADMIRANDUM IN MODUM RESTITUIT
NAM CUM IN PARIETE ECCLESIAE
DEIPARAE VIRGINIS IMAGO
DIVINITUS APPARUISSET
TANTUM PECUNIAE
EX FREQUENTIA CRISTIANORUM
AD IMAGINEM
VISENDAM CONFLUENTIUM, COLLEGIT
UT OPUS CONSUMARE POTUERIT.
QUOD MONASTERIUM UNA CUM ECCLESIA
FUIT POSTEA
PER FRATEM FELICEM LEONCELLUM CAVENSEM
OPE TAMEN ET AUXILIO PHILIPPI COLUMNA
A FUNDAMENTIS IN PULCHRIOREM FORMAM
REDACTUM.

fuk il bahar, u uara li inxtehtu ghal sighat shah kuddiem dic ix-xbia ta Maria bix jrringrazziaua min tant beneficj li ghamlet mahhom, u jvvenerauha chif jscrak, marru jrraccuntau cull ma gralom lil Patrijet, li daun collox irregistrau.

Il Patrijet Agostiniani allura b' att ta kima u riconoscenza lein Maria SS. illi dina ridet tghammar u tcun custodita dejem minnhom, hasbu bix jitcompla it-tempiu bil ghainuna tahhom, tal poplu u fuk collox tal Princep Colonna, u meta chien lest, giè dedicat lil Maria SSma. taht it-titulu nobili u sabih ta Omm tal Bon Consil; u b' tifchira ta cull ma giara, mal hait tal Cnisia giet mkgheda lapida tar-rham li figha scolpita it-tifchira ta dina ìddehra prodigiusa ta l' Immagini ta Maria. (1)

---

(1) D. O. M.

PERAUGUSTUM OLIM ET QUAM RUDITER ERECTUM
TEMPLUM HOC VETUSTATE CORROSUM
B. PETRUCCIA VIRGO IANAZZANENSIS
INTER
DOMESTICAS ORDINIS S. AUGUSTINI MONIALES
SANCTITATE CELEBRIS
IN HONOREM DEIPARAE
QUAM IN DIES ADVENTURAM PRAESAGIEBAT

## §. IV.

## Fuk l' Immagini tal Madonna tal Bon Consil

Dina l'Immagini ta Maria SSma. hia miraculu continuu mux biss, izda ucol ta cbir ghageb, chif narau f' dan il cap u ghalech hua ta min jthaddet minna a parti.

Dina ix-xbia li il-lum tinsab fis-Santuariu ta Genazzanu ma hix icbar min 18 il pulzir (2) u jech tosservgha tajeb mil krib tara li hia pittura (Affresco) mux ta id ta bniedem izda ta Anglu tas-sema. Dina tippresenta Maria SSma. b'Gesù bambin mhaddan mahha u min dan nistghou ngheidu dac li kal San Tumas ta Villanova, « *Illi Gesù Cristu*

---

Novis inceptis aere proprio parietibus
Collectisque in supplementum eleemosynis:
Ex munificentia Civium ac Populorum
Ubique Religionis causa confluentium
Ad Virginis
hujus sanctae Immaginis Apparitionem
Hora Vesperi XXV Aprilis MCDLXVII
In augustam, qua refulsit id temporis
Majestatem, restituit.

(2) Il P. Bonauno igheid fl' Istoria tighu tant sabiha, illi l' Immagini ia ghalia ftit ictar min xibrein rumani; u uiesgha ftit izied min uiehed u nofs.

*chien xbia haja t' Ommu Maria.»*

Fein chif u meta saret dina il pittura hatt ma gharaf igheid; biss igheidu l'Istorici illi hia mghamula fuk koxra tal gijr tal hxuna ta cartuna b' culuri lictar sbieh u frischi phallichicu ta ftit uisk zmien, mentri ila 433 sena f' Genazzanu, u min jaf chem kabel f'Scutari, u min jaf chem izied kabel ma marret Scutari prodigiusament ucoll, chif igheidu l'akua storici u ghorrief. Ua tal ghageb ucoll illi fil uakt li il pitturi tas-Santuariu ta Genazzanu illi saru mill'akua artisti u min ftit tassnin ilu ma dan collu gia tilfu sci ftit, dic ta l'Immagini izda ta Maria uara tant seculi ghada tali quali phallichicu saret granet ilu. Ma ux forsi dan prodigiu mill' akua ? Ankas aun biss ispiccia il prodigiu ta dina l' Immagini.

Il pittura ghalchem min izura idirlu li hia tmiss mal hait, izda jtkarrak bil bosta: ghalix il pittura ma tmiss ma mchien, hia fl'aria u bghod mil hait subghain; chif giit min Scutari ech ghogioba tokghod miraculusament u ech ghada sal-lum phala colonna immobili

li fis-schiet tas-Santuariu donna trid tgheid ech « *Nibka sa chem jghogiob lili.* »

Il curuna li inti tara fuk rasa u ic-cintil f' ghonka, chif ucol dauc tal Bambin ma umix imissu xein affattu mal pittura, izda mdendlin min zeug msimer mill gholi tal Immagini. Auna tajeb ucol li uihed icun jaf circostanza li tipprova din il verità.

F 'Novembru tas-sena 1662 meta giet incurunata dina l'Immagini, uihed mil Canonici ta S. Pietru delegat ghal dina il festa ried jpprova il miraculu continuu ta dina l' Immagini prodigiusa; x' ghamel? b' subaih ghafas ftit il pittura u dina mal ghafsa cedit ma sebghou bla ma grala xein, u ragihet giet flocha il pittura. Ora dan ma hux bizzejed bix juri il verità ta dina ixxbia li min taht hia voita, ieu li ma ghanda ebda sosteniment materiali?

Hagia ohra hua ta min isemmi f' dina l'Istoria, illi hia uisk prodigiusa u degna ta cbira osservazioni; u din hi, illi il uicc ta Maria xi drabi jtbiddel. Lil bosta min-nies dehru haddegha homor u min ghainegha tarmi sbuhia u

hena lima phala, phala signal li tilka bi cbir ferh it-talb tal veri devoti tahha. Xi drabi mbghat uiccia jder pallidu, u il harsa tahha hia ta djik il kalb, phallichicu trid tgheid lil Insara li ma humiex degni tal grazzi tahha.

Dauc colla li chitbu fuk dina l'Istoria phal ma huma il *P. De Orgio*, il *P. Bonanno* Flippin, il *P. Salinas* Agustinian, il Missionariu *Mons Dillon* u ohrain, stkarru dan il prodigiu u dan ipprovauh huma stess u fost l'ohrain l' ahhar uihed li semmeina Mons: Dìllon. Dana ghadda xi zmien fil Cunvent ta l' Agostiniani ta Genazzanu, fein fis-schiet ta camartu dan iz-zmien prezius ghaddih flli jcteb l'istoria ta l'Immagini tal B. Consil. Allura chien spiss ikaddes kuddiem il Madonna tal B. Consil, u darba uahda fost l'ohrain hua u ikaddes jara il uicc tal Madonna jmbidel f' culuri tant sbieh barra min dauc tas-solitu, illi flistess uakt jarmu ferh ta sbuhia u cuntentezza speciali li ferhulu anche il kalb tighu: u billi hua ma chien sama kat b' dauna l'effetti tal Immagini, haseb ghal mument li ghaineih kedin ikarkuh. Meta spiccia

mil kuddiesa irracconta li gralu lil Patrijet u daun assicurauh mil verità; u chif chien ech fis-sahna li kied jcteb l'istoria lal Immagini, kalleb chem documenti antichi sab u uara hafna xghol rnexxilu isib li ta kablu thaddtu uisk min dina il verità ipprovata bil fatti.

Mela isma aun issa x' jgrilu hua ucol bix icollu provi ta dina il verità, u ihalliom registrati fl' istoria tighu. Xghar uara li halla Genazzanu chien jnsab fl' Australia, u auna tigih ittra fein jakra li dauc il hbieb tighu, li ghaliom talab uisk fil kuddiesa kuddiem il Madonna tal Bon Consil f' Genazzanu, huma rceveu grazzi cbar cioè, dauc il grazzi li xtaku; u ghalech jtolbuh chif jxrak li jrringrazia chif jsta lil Maria Santissima tal Bon Consil. Auna Mons: Dillon rà ahiar chem verament it-tibdil tal uicc ta Maria chien veru; u b'att ta riconoscenza lein il Gran Vergni Maria ried ihalli registrati fl'istoria tighu daun il chelmiet, « *Il Vergni Maria tal Bon Consil donna titchellem mal kalb tad-devoti tahha b' mod ta cbir ghageb meta tispiralom hsebijet u sentimenti li katt ma chellom*

*kabel.* » (1)

Eccu mela chif ix-xbia ta Maria Santissima tal Bon Consil hia mux biss miraculu continuu, chif ghedna sa mil bidu ta dan il cap, izda ucol illi cull ma figha hù ta cbir ghageb.

§. V.

## Fuk il Cnisia ta Scutari

Fi Storia ech sabieha u prodigiusa phal ma hia din, jxrak li ùihed icun jaf chif u fein chinet zmien ìlu l' Immagini li minna kedin nithaddtu, u b'liema trionfi illum tinsab. Ghalech int li kighed takra dina l'Istoria hu ftit tal pacenzia u bil menti tighech argia lura fiz-zmien li fih l' Immagini tal Bon Consil chinet fit-tempiu ta Scutari.

Il Vicariu Generali tal-lum u fl'istess uakt Cappillan ta Scutari Mons: Radoja, fis-sena 1875 flimchin ma Cappillan ihor Don Pasquale Junchi mär izur il fdàl ta dan it-tempiu, u ghalech sata jati relazioni uisk taiba meta chiteb

[1] Cap, VI. N. 7.

lil uihed Patri Franciscan Missionariu, illi, dan imbghat gharrafa tajeb lil Agustinian Patri M. P. Belgrano storicu ihor tal Immagini tal B. Consil.

Il fdàl tal Cnisia ta Scutari ghalleuuel jghamel effett ta xi bini uisk ordinariu, izda meta tiflih tajeb, issib li chin imkassam fi tliet parti dan it-tempiu. Il Cursia tan-nofs izied uiesgha min tal gnub: mal hetan, igheidu li rau tliet nicec u l'icken uahda ticcorrispondi mal cobor seuua seu tal Immagini prodigiusa tal B. Consil li il-lum hia Genazzanu. Fil hait ghada tider iz-zebgha hamra, signal ta xi pittura li chinet iz-zejen l' Immagini msemmia. Hdein il Cnisia mbghat chienet tinsab gebla tonda phal medaglia li figha scolpita l'Immagini ta Maria bil bambin mhaddan mahha. Dina il gebla li chienet oggett ta kima ghal Albanisi giet mnehhia mil Cnisia mit-toroc, u chif jnghad, dic ix-xbia li figha il gebla hia vera copia tal Immagini ta Genazzanu.

Hia opinioni ucoll tal Albanisi u tat-Toroc illi il Cnisia ta Scutari chinet intitolata lil Maria Santissima *tal-Lunziata*, ieu chif iridu li storici, tal *Bon*

*Consil.* Il Musulmani li allura chienu quasi kerdu it-tifchiriet colla tar-Religion Cattolica, dina Il Cnisia halleua chif chinet. Tant hu veru illi il gvern Torc f' xi zmien illi chellu bzon jppiana dic l'ard, uakka chem diar chin emm ma duar il Cnisia, izda lila halligha u icconservgha, li l'Insara ghadom sal-lum izuru dac il fdàl tahha, u, kuddiem in-niccia li semmeina fuk, jtolbu lil Maria thenn ghaliom.

Jnghad ucoll illi dic il Cnisia, x' uhud mit-Toroc riedu jibdlua f' tempiu tahhom ( Moschea ), u ghalech darba uahda, uihed sacerdot torc tala fuk l' ghola hait tal Cnisia bix isejah it-Toroc chif hua usu tahhom; f' dan il uakt ikum riefnu kauui jggiarraf min em fuk u giè fix-xmara Bajana mitfun bla ma insab. Izied ucoll insibu illi xi rghaja toroc fettlilom illi ighaddu il-leil darba uahda geuua din il Cnisia bl' mriehel tahhom, izda xin hu li gralom? Fil ghodu in-nghag colla chem uma hargiu min emm nofsom meita ghal marda li kabditom mal-leil li hat ma sata jcxef xin' hi. Ghallì giara allura ir-rghaja stkarru illi huma offen-

deu it-tempiu t' Alla u uara li talbu mahfra l'Alla l'mriehel fieku minnufih. B' daun il prodigi u ohrain jder bicciar chem hua ghal Alla ghaziz il fdàl ta dac it-tempiu u dac li hu izied chem hua ghal kalbu il gieh u l' unur tat-tempiu tighu.

Ghal dic li hia devozioni lein il Gran Vergini Maria tal Bon Consil, hia uisk cbira illum il giurnata fi Scutari. Fit-tielet tnein tax-xahar ta Ottubru is-sir il festa solenni ad unur ta Maria Santissima taht. it-titulu tal Bon Consil, u fil prietca tissemma dejem il partenza ta Maria min Scutari, u fit-tifhir u il canzoncini li jtcantau fil festa jspicciau b' daun il chelmiet « *Argia eja, argia eja, unica tama tal' Albania* ! »

L' Iscutarini bakghou dejem migbuda lein l' Immagini ta Maria tal Bon Consil li tinsab il-lum Genazzanu, ( u dan kalu lili il Cappillan stess ta Scutari li haun f' Genazzanu gie izur is-Santuariu tal Madonna), u mux darba u tnein saru min hemm pellegrinaggi ghal Genazzanu, anzi chif gharrafni l' imsemmi Cappillan hua xeukan li igib mighu pellegrinagg ta l'Scutarini

colla libsin bil Costum tal paijs, bix izuru il Madonna tal Bon Consil li giurnata chienet l'ghaxka tahhom.

L' Albanisi spiss jghamlu talb lil M. Santissima tal Bon Consil bix icollom ix-xorti tehlisom mil madmad tat-Torc, u ahna ucoll nitolbu mahhom bix icunu sodisfatti ix-xeukat tahhom, u dac li hu izied biex tiffiorixxi ir-Religion Cattolica.

§. VI.

## Fuk is-Santuariu ta Genazzanu, il festi, Privileggi u Indulgenzi lilu mghotija

Mil Cnisia ta Scutari nghaddu ghal dic ta Genazzanu fein hi kgheda il Madonna prodigiusa tal Bon Consil.

Mil giurnata li figha il Papa S. Marc ghamel leuuel Cnisia fuk il fdal tat-tempiu ta Venere, sal giurnata li figha il B. Petruccia ghamlet il hsieb li tigi mibnia ohra icbar u ahiar, ghaddeu dejem mal elf sena u f' dana iz-zmien collu ma naksux il pellegrini bix izuru

il Maria Santissima tal Bon Consil. Allura l'Immagini chienet tar-rham *bassriliev*, li illum tinsab fl' Oratoriu tal Patrijet Agostiniani. (1) Barra min dina is-sabiha devozioni tal Bon Consil fil poplu Genazzanis u mil festa li chienet issir dejem fil 25 ta April bil fiera li ghada sal-lum issir, f' dan il paijs xein ma chien haun izied.

Izda mux ech illum illi geuua Genazzanu issib erba Cnejes, uahda ahiar mill'ohra; fuk collox però hua is-Santuariu famus ta Maria Santissima illi mehud uahdu fih x' tara ghar-ricchizzi li fieh ta-rhamijet, ta induraturi u ta pitturi mill'akua Auturi. Ghal dic li hia Pittura hua bizzejed li nsemmu il famus quadru (affresch) tal pittur *Piatti* kighed fuk il bieb maggiur, li jppresenta il migia tal Immagini tal Bon Consil f' Genazzanu. Copj ta dan il quadru xterdu mad-Dinia colla sa hansitra mxerdin fil Calendariu li johrog mil

[1] Dan l'Oratoriu illum ia l'istess cella tal Patri Stefanu Bellesini Curat tas-Santuariu, illi ghex u miet ta kaddis. Il gisem tighu ua mitfun fil Cnisia fein is-Santuariu. Illum hua mizmum b' Venerabili u nittamau f'Alla li giurnata icun fl'unur ta l'Altari.

famiglia tant msemmia *Benziger* tassena 1889.

Dan is-Santuariu ghandu navata uahda uiesgha b'zeug guinah. L'Altar Maggiur bil Presbiteriu u il balavostri huma tar-rham u rham ta cbir valur. Il Cappelli tas-Santuariu huma colla sbieh ghal induratura, pittura u rham prezius li fihom: izda dauc li interessau l' istoria huma tnein li seirin nsemmu.

Fl'euuel Cappella tax-xellug ghandech tara u tammira altar tar-rham uisk fin illi fuku tinsab pittura (affresch) ta Crocifiss antich uisk u bil mghodia taz-zmien sär oggett ta cbira kima u devozioni ghal prodigiu li ghamel. Fissena 1450 f'Genazzanu chin emm corp ta l'ghassa militari Pontificia, u giara li uihed mis-suldati li fil-lghob tilef telfa ghal ahhar, kabditu disperazioni u rabia illi silet minnufih is-seif mil ghant, imur ijgri fis-Santuariu tal Madonna u fis-sahna ta demmu imur kuddiem l'Immagini tal Crucifis msemmi, u bis-seif jolkot il Uicc Vener: ta Cristu, is-sider tighu u rigleih; u huejeg tal ghageb, min daun it-tliet parti

johrog quantità ta dmia vera li ghadu sal-lum jder it-ticpis tad-dem; is-seif bid-dakkiet tghauueg fi-tlieta u bl'ebda mod ma satghou jddrittauh u ghadu sal-lum mghauueg u icconservat geuua niccia fein l'Altar illi jder min culhatt. Dac is-suldat allura giè makbud min shabu u ic-castigat u hem min igheid illi uara zmien chellu ndiema cbira uisk u sar Religius, u uara bosta penitenzi miet ta kaddis.

Ghal dan collu li giara, l'Altar li semmeina tal Crocifiss gie bil bosta ivvenerat u mghoni b' bosta Indulgenzi mil Papiet u billi jghamel parti fl'istoria tas-Santuariu, cul min izur l'Immagini tal Bon Consil irid jara u jnvista dan il Crocifiss ech prodigius.

Fil Cappella l'ohra tal-lemin mghaluka bil hadid sehbit tal Crucifiss jnsab it-Tron ta Maria Santissima tal Bon Consil. Dan it-tron hua sostenut min tliet colonni tar-rham li giurnata chienu isostnu it-tempiu tal Pagani, u daun bix ifaccru lil popoli colla it-tibdila prodigiusa li saret f' Genazzanu. Taht dan it-tron jinsab l'Altar mzejen bi rham uisk prezius; fuk l'Altar tinsab

l'Immagini tant prodigiusa mzeina u micsia b'niccia ta xghol uisk prezius tar-ram; ( izda fizzmien ir-rivoluzioni chinet tal fidda li giet misruka ma hafna oggetti ohrain preziusi. ) Dina in-niccia mzeina b'zeug colonnetti tar-rham *verde antico* illi isebbhu il prospettiva li ghanda kuddiema l'Immagini. Il hetan tas-Santuariu huma micsia bil pitturi sbih u fein hu voit hua micsi bil caxex mimlia bl'gheuidi ta fidda, deheb u diamanti; b'curuni, bandieri ta pellegrinaggi u rigali ohra sbih, illi collox ifisser il grazzi li Maria tal Bon Consil xerdet u ghada ixxerred ma colla chem hi id-Dinia.

Chem dan is-Santuariu hua ghal kalb ta Maria jxduh ucoll iz-zeug festi sbieh li isiru fost is-sena; uahda fil 25 ta April u l'ohra fit 8 ta Settembru. Min kabel il Vgili tal festa, il pellegrini jaslu Genazzanu min cull villagg tal Laziu, tas-Sabina, u tal Campagna. Fi qualunque hin tara geijn ktaja ktaja ta pellegrini, ftit ieu uisk numerusi lebsin bil costum tahhom variat li jgbdu il cursità ta culhatt u dauna bil modestia colla jmxu u icantau tifhir

lil Maria, ieu igheidu ir-Rusariu. Il Litanjiet icantauom, u aun trid tisma issa il vuciet tar-rgiel gravi, issa dauc tan-nisa u tat-tfal li jnstemghou fil krib u fil bghod, illi collox flimchien jfforma hena fil kalb, u ma tistax ma tigix edificat ghal dic il kima tahhom. Fil ghodu icun ghadu ma bedix ibexbex, meta in-natura hia hiemda, u il ghasafar jcsru is-schiet tal leil bit-tisfir tahhom izied helu missolitu ta dic il giurnata consacrata lil Maria, allura trid tisma il pellegrini migbura uara il bibien tal Cnisia, flimchien ma dauc li jaslu Genazzanu jbdghou icantau ferh u inni lil Maria; u fil Cnisia jdhlu gharcubteom sa jaslu kuddiem l'Immagini prodigiusa dejem icantau *Evviva Maria, Maria Evviva, Viva Maria u min halaka.* Cull min jassisti f' dina il festa ma jstax jbka indifferenti, il kalb trid ieu ma tridx ghanda tinghafeg u titkankal ghal mgiiba tal pellegrini, ghal dic id-devozioni, ghal dic il fidi shiha li juru fil cant u fit-talb tahhom lein Maria Santissima tal Bon Consil. (1)

[1] F' daun iz-zeug festi il krar u it-tkarbin ma

Uakt l'erbgha ta fil ghaxia hua l'isbah tal festa, jgiefieri tal 25 ta April; ghalix meta ic-Celebrant bil ministri flimchin mar-Religiusi l' ohra huma migbura fis-Santuariu ta Maria Santissima jstenneu idok l' arlog l'erba u quart, hin li fieh l'Immagini tal B. Consil dehret fuk Genazzanu, allura il knipel tal Cnisia idokku bisshih ghal sigha, il poplu fil Cnisia ighaiat ghajat ta ferh *Evviva Maria* chif ghedna fuk, u jigi solennement cantat it-*Te Deum* b' ringraziament; aun allura culhat quasi jbchi bil ferh li igiarrab fil kalb tighu u bein il cant helu tal poplu u bein id-dakk ta l'orgni tisthailech tiggosta ftit mill' ecu tal armonia u tal festa li l'Ispiriti celesti jghamlu fis-sema kuddiem it-tron tas-Sultana tahhom Maria.

Il festa l'ohra issir f' Settembru fit-tuelid ta Maria Santissima; il poplu u il pellegrinaggi icunu xi hagia icbar, ghalix iz-zmien hua ahiar ghaliom f' collox: però dic il funzioni ech tenera li tkankal il klub ta cull min icun pre-

jakta xein. Il Cunfessuri icunu ma duar it-tletin, u zeug sacerdoti dejiem ikarbnu.

senti ta l'erbgha uara nofs in-nhar ma issirx, ghaliex ma ghandix loch. Izda il fiera issir ucol bi cbir concors ta nies u il Municipiu jssiheb bix jssolennizza il festa min barra, bil-luminazioni bil giogdifuoco u bit-tombola.

Daun huma fi ftit cliem iz-zeug festi principali ta Maria Santissima tal Bon Consil li huma solenni manifestazioni ta fidi, u fl'istess uakt izeinu is-Santuariu tal Gran Vergni Maria li hia izzom uisk ghal kalba u li hia triedu fdat fl' idein tar-Religiusi Agostiniani, li daun izommuh phala il habba ta ghainejom.

Nghaddu issa ghal privilegi u l' indulgenzi li bighom ua mzejien dan is-Santuariu famus.

Sa mil leuuel mument li dehret f' Genazzanu l'Immagini prodigiusa tal Bon Consil, bosta Papjet u fostom il presenti *Leone XIII* ghogiobom jatu privilegi u grazi speciali lil dana is-Santuariu, mux biss ghar-rispett u il kima chira li chellom ghalih, izda ucoll bix ihairu lil Poplu Nisrani li imur ivvenera dina ix-xbia Santissima ta Maria taht it-titulu helu tal Bon Consil

li mad-dinia colla uriet u ghada turi l'ghegiubiiet tal hniena tahha. Eccu ghaldakstant liema huma il

## PRIVILEGI

1. Qualunque sacerdot li ikaddeš f' dan is Santuariu, jsta jaghmel il kuddiesa propria tal festa tal B. Consil, mux biss fl'artal ta fein hi l'Immagini tahha izda ucoll ( scond id-Degriet Pio IX 14 Marzu 1867. ) fl'artali l'ohra colla tas-Santuariu, chem il darba l'artal tal Madonna icun impedit. Dina il kuddiesa ech mseiha *votiva*, tista issir ma tùl is-sena colla, barra mil festi 1.a u 2.a Classi u barra mil kuddiesa Conventuali (Clement XIV. 16 Dicembru 1771 - Pio IX fir-Rescrit imsemmi.)

2. L'artal tal B. Consil fein hem l'Immagini, hua Altar privilegiat ghal dejem u ghal cul jum ghas-Sacerdoti colla ta cull Ordni u ghas Sacerdoti colla Secolari, u ghalech f' cull kuddiesa tiegi mehiusa ruh mil Purgatoriu. [Gregoriu XIII 6 Dicembru 1650. — Bendettu XIII. 16 Giugno 1725. — Benedettu XIV 14 Dicembru 1751.]

3. Dana l'istess privileg msemmi ua mghoti ucol lil Artal tal Crocifiss tant miraculus li minnu thadditna gia. ( Pio IX 7 Giugno 1872.)

## INDULGENZI PLENARJ

1. Indulgenza plenaria darba fis-sena ghal Insara colla, li verament niedma, ikerru, jtkarbnu, jnvistau il Cnisia ta Maria tal Bon Consil u jtolbu scond il fehma tal Papa. (Clemente XII. 2 Marzo 1734.

2. Indulgenza Plenaria darba fis sena lil dauc colla li, phala pellegrini, imorru invistau lis Santuariu ta Genazzanu u jaghmlu collox chif ghedna fin N. 1. (Benedettu XIV. 26 Aprile 1742.)

3. Indulgenza plenaria applicabili ghal eruieh tal Purgatoriu li tintrebah darba fis-sena mill' Insara colla li izuru is-Santuariu bil condizionjiet li semmeina fin — N. 1 (Pio VIII. 8 Febbr: 1830. )

4 Indulgenza plenaria ghal min ikerr, jtkarben u jnvista is-santuariu fil festa tal Concezioni Immaculata ta M. SSma. (Benedettu XIV. 14 Dicem. 1751)

5. Erbgha Indulgenzi ohra plenar: bl'istess condizionjet li jntrebhu fil festa tat-Tuelid ta M. SSma.— fil Presentazioni tahha — fil Visitazioni — u fil Purificazioni ieu fil Candlora. (Benedettu XIV. 14 Dicembru 1751 ].

6. Indulgenza Plenaria applicabili ghal eruieh tal Purgatoriu ghal dauc l'Insara colla li izuru dan is-Santuariu mil primi Vespri sal giurnata colla ta l' Gheid il Hamsin bil condizionjiet li ghedna fin — N. 1. [Pio IX. Brevi *ad Augendam* 15 Giugno 1872.]

7. Indulgenza plenaria bl'istess condizionjiet applicabili ucoll ghall'eruieh tal Purg. fil Hdud colla tax-xhar ta Mejiu. ( Pio IX. fl'insemmi Brevi. )

8. Indulgenza plen, appl. ucoll ghal eruieh fil festa tal Bon Consil [25 ta April] ghal cul min jinvista, ikerr u jtkarben: min ma jistax fl' ottava li issir, dejiem uara il festa. [ Pio IX fl'istess Brevi. ]

9. Indulgenza plen. appl. ghal Eruieh bil condizionjiet msemmia fuk. fil festa solenni tat-Tuelid ta M. Santissima ieu f' xi giurnata ohra mis-sebgha ta uara dina il festa. [ Pio IX fl'istess Brevi. ]

10. Indulgenza ohra plen. appl. ucoll ghal Eruieh dejiem bl'istess condizionjiet msemmjin lil cull min jnvista l'Artal tas-SSmu. Crocifiss, li jinsab f' dan is-Santuariu mkaddes, cioè:

Fil festa tas-salib, 3 ta Meju, mil I Vespri sa nzul ix-xemx.

Fil festa tal Esaltazioni tas-salib, 14 ta Settembru,

Nhar il Gimgha li taka kabel il Had il Carnival, u fil Gimghat colla tar-Randan, barra il Gimgha il Cbira, ( mit-tluh sa nzul ix-xemx.) (Pio IX 11 Giugnu 1872. )

## INDULGENZI PARZIALI

1. Indulgenza ta 7 snin u 7 quaranteni lil dauc li almenu niedma jnvistau fi qualunque giurnata tas-sena l'Artal tas-Santuariu ta M, SSma tal B. Consil u jigheidu 3 Ave Maria. (Pio IX 25 Giugno 1872.)

2. Indulgenza ta 7 snin u 7 quaranteni ghal dauc colla li icunu presenti f' uakt il Litania tal Madonna li titcanta cull fil ghaxia. ( Pio IX fil Brevi msemmi, )

3. Indulgenza ta 300 jum lil min igheid kuddiem l'Immagini tal Bon Consil uara il Litania li titcanta cull jum

*Maria del Buon Consiglio*
*Con voi ci benedica il vostro figlio*

illi bil malti hia ech:

*Tal Bon Consil Maria*
*Lilna l'Iben tighech.*
*Il barca tighu ma tighech jatia.*

## TUISSIA.

Is-Sacra Congregazioni tal Indulgenzi irriconoxxiet phala veri u autentici l'Indulgenzi colla li semmeina. ( 25 ta April 1873.)

§. VII.

## Miraculi u grazzi a favur tad-devoti ta Maria SSma. tal Bon Consil

Alla uahdu biss phala Autur tan-natura, u li hu ta setgha infinita jista jaghmel miraculi, li huma appuntu certi fatti sensibili u divini li iuakkfu u jssuperau il ligjet soliti tan-natura f' xi casi particulari; u haun tajeb li uihed jaf li daun il miraculi jistghou isiru u jssuperau il ligjiet tan-natura b' zeug manieri: jgifieri *fis-sustanza* tahhom u *fil mod* li bih isiru.

Icun veru miraculu fis-sustanza meta it-tibdila, jeu il prodigiu jisbok il forzi collha chem huma tan-natura; ech per esempiu, meta uihed mejiet jrxoxta, ghaliex ir-rimedi colla li jnsabu ma ghandomx setgha li jatuh il hajia.— Icun miraculu ucoll fil mod, meta il forzi u ir-rimedj tan-natura jistghou ifeiku mil mard, (ghalchem mux dejiem) izda ifeiku f' mument uihed. Ech per esempiu, uihed li ua b' deni kauui, u ihor mghatub ghal zmien tuil jgiu f' mument uihed mfeika; daun huma

miraculi mseihin ghal möd li saru, ghaliex ir-rimedj tal arti setghou ifeikuhom, izda bil mod il mod, u mux f' dakka uahda.

Imma il pont principali tal miraculi hua dan, illi meta Alla l'imbirech jaghmel miraculi, jaghmilom appuntu biex juri l'approvazioni u il volontà tighu f' xi hagia. Forsi l' Evangelista S. Marc u l'Appostlu Missierna S. Paul ma ıgheidulniex bic-ciar li meta id-discipuli ta Gesù Cristu bdeu jpprietcau l'Evangeliu, numru cbir ta miraculi u ta signali prodigiusi geu operati mn'Alla biex dan juri il verità ta dac collu li kalu? (1)

Meta hu ech, xi ngheidu mil miraculi u il grazzi ta cul xorta operati mn'Alla mad-dinia colla ghal intercessioni tal Gran Vergni Maria Santissima Omm tal Bon Consil sa mill' euuel mument tad-Dehra tahha f' Genazzanu sal-lum? Iech Alla l'imbirech fetah ittesori tal grazzi tighu a favur ta dauc li irricorreu ghand l'Omm hanina tal Bon Consil, dan Hu ghamlu biex juri chem hia hagia ghal kalbu li Maria

(1) San Marc. XVI. Ad Hebr: 11.

tcun ivvenerata taht dana it-titulu glorius, u Hia imbghat min fuk dac l'altar mkaddes, li fuku tinsab izzom ma imchien, u li per mezz tal copji tal Immagini tahha xerdet ma cullimchien bahar tal grazzi, tati xieda continua tal hniena tahha, u chem ua ghal kalba li tcun onorata mill' Insara bit-titulu glorius tal Bon Consil.

Ia il Cnisia stess li tatina xieda sabiha ta dan, meta cul sena fis-sitta u ghoxrin ta April (1) issejah l'ulieda bix tissolennizza dina il giurnata iddedicata lil Omm tal Bon Consil, illi figha tgheidilna, illi sa min mindu dehret Genazzanu l'Immagini tahha, dehret mzeina bl' splenduri tal miraculi u tal grazzi li ghamlet fll Laziu u ma cullimchien phala Benefattrici tal bnedmin colla. (2)

Nista ngheid ghaldakstant li ghal abbundanza tal grazzi li Maria Santissima xerdet mis-Santuariu tahha ta Genazzanu, dana sär uihed mill' actar msemmjin tad-dinia, u min bosta Papijet

(1) F'Genazzanu fil 25 ta April.

(2) Fl'Innu tal Matutin li jbda ech, PLAUDE FESTIVO etc. etc.

gi mzejen bi privilegi u grazzi speciali li ma ghandomx Santuarj ohrain.

Chem huma u liema huma il miraculi u il grazzi li juru il hleuua ta Maria taht it-titulu glorius tal Bon Consil, hatt ma jsta isemmihom: huma tant li migburin colla flimchien jfformau uihed mill'acbar cotba tad-dinia. Sabiex izda nicconferma dana li ghedt nghamel phal dac li jthol fi gnien cbir u mimli fiuri sbieh u jakta uihed min aun u ihor min em mill'isbah u jfforma bucchet, ech iena nghamel ucol riguard il miraculi, nsemmi xi ftit minnom li jatu xieda flistess uakt tas-sbuhia u il cobor tahhom.

Appena chienu ghaddeu jumein uara id-Dehra prodigiusa ta l' Immagini ta Maria, certi persuni tal ghakal bdeu jesaminau dauc il miraculi giodda u il grazzi straordinarj li saru kuddiem il ghainein ta culhatt u ech gie ifformat Registru autenticu ad unur ta Maria Santissima, illi gie msejah *Registru Bombacino,* mibdi fis 27 ta April 1467 u gie mghaluk fl' 14 ta Auissu ta l'istess sena. F'dan il kasir zmien id-Deputati ta dan il Codici irregistrau 161 miraculu

u grazzi soprannaturali, phala prova solenni u autentica tal Benefattrici tassema u l' ard. Izda issuccieda li chienu tant cbar u bosta il miraculi continui illi dehrilom li ma chienx em bzon izied jesaminau u jrregistrau miraculi ohra; ghaliex il folla tad-devoti u il ueghdjet li chienu ihallu, chienu altru la bizzejed bix jexdu il protezioni ta Maria onorata taht dana it-titulu.

F'dan ir-Registru ghaldakstant nsibu grazzi min cul qualità; 10 persuni min deni lictar kauui; 7 mehlusin min spasimi lictar chiefra; 2 mbiccmin, lsienom gie mahlul; 7 mghatubin kalghou issahha; 20 ghomia hadu id-daul; 7 zopop iddrizzau ruhom; 20 b' mard divers fieku; 3 bil mard ta l'ilma fieku; 5 bil pesta, 4 migdumin min animali velenusi; 4 micsja bil feriti; 2 li chienu jarmu id-dem; 2 bil mard tal kamar; 2 trax; 3 mgienen; 9 invasati mid-demoniu; 27 ohra b'mard iehor divers, daun colla irceveu il feikan u il grazia min ghand l'Omm hanina tal Bon Consil.

Imma ecda chif dina is-sultana tal hniena issuctat tkassam il grazzi u tigbed ghas-Santuariu tahha cul xorta

ta insara biex jtghaxxku bl'Immagini tahha u jrcievu consolazioni fil bzonnjet tahhom colla, u specialment chiber il concors ta nies uara li giet incurunata l'Immagini mil Vatican, li scond ma kal l'istess Papa Benedettu XIV, fil Brevi tighu mahrug fit 2 ta Lugliu 1753, *Injunctae nobis*, l'Insara bdeu allura joctru Genazzanu u fuk collox il pellegrinaggi u ghal grazzi u il favuri li chienu jakalghou min Maria tal Bon Consil chien jnhtieg Registru ihor tal miraculi li sar fis-sena 1748 tliet mitt sena uara id-Dehra prodigiusa tal Immagini, izda uara erba snin chellom jekfu ucoll phal leuuel darba, ghaliex tant chienu li setghou jimleu l' acbar ctieb.

Imma mux ghalech spicciau il grazzi; bakghou isiru anzi mux biss f' Genazzanu lil dauc li chinu em imorru izurugha, imma ucol lil dauc li jvveneraua fl'immagini tahha mxerda mad-dinia colla. (1)

---

(1) Il Canonicu Bacci chir devot ta M. tal B. Consil f' erbatax il sena igheid li kassam 97000 immagini ta Maria Santissima tal Bon Consil u cul fein dina dehret saru grazzi bla tmiem.

Bix insemmu xi hagia particulari ingibu ucoll li uahda mara jisima *Duminca Giuliani* min Genazzanu chinet fi stat ta mignuna; f' mument li giet f' sessigha b' fiducia kauuja li tfiek dauret ghaineja lein Maria tal B. Consil u ghalech biss rcevit il grazzia tal feikan phallichiecu kat ma chella xein.— Ihor jismu *Marianu* chellu xiatica malli irricorra lein Maria sab ruhu mfeiak— Ragel ihor ghal zmien tuil mghatub li ma chienx capaci ghal xein, fiek malair ucoll malli talab il hniena lil M. tal Bon Consil. Daun ittliet miraculi saru f'giurnata uahda il pitghada tad-Dehra tal Immagini tal B. Consil.

Nsibu ucoll registrat illi fis 7 ta Auissu tas-sena stess li figha dehret l'Immagini f' Genazzanu, uihed li chin jsmu *Custanz De Carolis* li chien seftur, uara marda tuila miet kuddiem ixxieda li assisteuh, Uakt li seirin ikankluh u jhduh il Cnisia accumpagnat mil Cleru, il Padrun tighu li chien tant ihobbu, dahal f'camartu beda jxer u jbchi, inxtehet gharcubteih fl'ard kuddiem il Madonna tal Bon Consil, jtloba u jgheidila bi hrara li iggib gheira « *O Ver-*

*gini Santissima, jech hua ghal ahiar tighu, deh itlob l' Alla li jrrestituili is-seftur tighi u jena inghuied li niehdu Genazzanu jvvenera l' Immagini tighech.»* Hagia tal ghageb chif itemm dina it-talba ech sinciera, il mejet seftur jftah ghaineih, ikum bil kgheda u jtlob li jatuh jecol bix itaffi il giuh, u min emm u ftit kam bil uiekfa u stkarr li hua ma ihoss xein u li hu mfeiak ghal collox.

Prodigiu ihor nsibu li jaghmel uisk ghal dauc li illum iridu jchdu il huejeg tas-sema, fuk collox il miraculi, ghalech irrid ucoll aun ingibu. Certu *Nicola Grisant* chien sejer darba uahda min Genazzanu ghal pajjisu *Guadagnolo* f' dic is-sena stess tad-Dehra ta l'Immagini, u iltaka ma x'uhud li stakseuh iech rax xi miraculi f' Genazzanu, « *X'miraculi, miraculi, uegibom bizzuffiet, iena ma raitx xein, u intom ucol ech boloh.* » X'igri izda? Mal-leil ibnu Martinu jmrad malair malair ghal meut; il missier incredulu jiftacar fil hniena ta Maria, jehu mighu l'ghada il Martinu f' Genazzanu, jppresentah il Maria Santissima tal Bon Consil u

minnufih ifik. Allura Nicola emmen fil miraculi u biddel haitu.

Mil miraculi li grau fi zmenjitna, li huma bosta, insibu uihed li giara kuddiem il ghainein ta *Mons. Dillon*, li bosta drabi semmeina f' dina l'Istoria, fit 8 ta Settembru 1882 u registrat fl'atti pubblici. Fi ftit cliem hua dan, *Mons: Dillon* f' dan il jum ghaziz li fih tiffolla tant in-nies fuk il Cappella tas-Santuariu, jisma ghaita cbira *Evviva Maria l' Omm taghna tal Bon Bonsil;* uara li il folla tbgheded xi ftit, irnexxilu jlmah kalb in-nies giuvana ta 18 il sena b' uiccia mxarrab biddmuh; dina ech chif hargiet mil Cnisia uakfet thares lein il gmiel u is-sbuhia li Alla halak fuk il uic ta l'ard u li hia kat ma ràt, ghaliex chienet ghamia ghal collox u dac li hu izied mghatuba; meta uaslet f' marda tal meut iddecidit li tmur m'omma f' Genazzanu fil jum tal festa solenni u ech ghamlet, u hem chien li ia fiket ghal collox miz-zeug mardiet li chella. Cul ma grala ia stess irraccuntatu lil msemmi *Mons. Dillon*, u dan bix jassicura ruhu seuua thaddet mal Cappillan tahha ta *Zagarolo* u

minnu gi mgharraf illi *Lipia Bernini* (ghaliex ech chien jisima) ghamia u mghatuba, uara hafna curi inutili tattobba chella issib il feikan tahha biss kuddiem il Madonna tal Bon Consil f' Genazzanu.

Cont nirracconta ohrain ta zmenjitna imma meta nispiccia mbghat? La darba ueghdt li nkassar incompli chelmti, biss irrid nispiccia dan il cap b' fatt storicu ta min isemmih illi Genazzanu bakghet, ghal intercessioni ta Maria, ippreservata min cul mard icreh u specialment tal colera li grat fis-snin 1656, 1657, 1832, 1857, 1867, fil uakt li pajisi krib phal Capranica (mil bghod) u ohrain colla infettati b'dan il mard, frattant Genazzanu bakghet mehlusa; anzi uara pellegrinag li sar fis-Santuariu tal B. Consil dan il mard icreh gheb ghal collox min din in-naha.

Izda Maria Santissima tal B. Consil li f' Genazzanu tirregna phala Padruna u Sultana, fost collox ridet tippreservgha min din il marda mux biss tal gisem, izda ucol tar-ruh li bia il pesta Massonica, illi fein illum il giurnata anche fl'icken rocna tad-dinia ghandech

issib xi loggia Massonica, geuua Genazzanu ma issibix.

Mil grazzi u il prodigj spirituali mbghat xi ngheid? U min jista ighoddom? Min ma bakax icconsolat fid-duejak tighu ghat-talb leigha? Chem eruieh ma inhatfux mid-duifer tal jasar Luciferu per mezz ta dina is-sabiha devozioni? Chem drauujet hziena u vizî ma nkerdux? Chem dlamjiet ta ignoranza ma geux mcheccia? Chem htjiet ma geux mahfura ghal intercessioni tal Omm tal Bon Consil? Oh chiecu daun il prodigj colla invisibili satghou jnzammu phala monumenti, chiecu chif chien icun illum mimli is-Santuariu ta Maria bi trionfi gloriusi!

Izda il grazzi tar-ruh u tal gisem ghadom ma spicciaux. Min irid icun jafom, jakrahom fil Periodicu li johrog min Ruma darba fix-xahar iddedicat lil *Omm Santissima tal Bon Consil fil famiglia nisrania*. Mit-titulu li ghandu, tista tahseb chem gîd jista igib mux biss bid-devozioni lein Maria, imma ucol fil famiglia gîd cbir iaghmel ghat-tghalim sabieh li fieh.

## §. VII.

## Ftit ta l' Istoria mehtiegia

Il migia miraculusa ta l' Immagini ta Maria Santissima tal Bon Consil f' Genazzanu immarcat fl'Istoria epoca li figha il cumbattiment ta bein it-Toroc u l'Insara cbien fl'akua tighu.

L'istat allura li fieh chinet tinsab is-società f' bosta lochjiet ta l' Imperu tal Germania, tal Inghilterra, ta Scozia u ta Franza orientali, chien ech, illi il chiefra eresia ta Luteru rnexxila haun tixtered ftit uara. Fl'Alemagna chien li sabet cbir appogg b' mod tali, illi il milizia tal Principjiet hadua contra l'istess compatriotti cattolici, b' dic l'istess hruxia tat-Toroc contra l'Insara.

U fil uakt li Luteru chien biex jpprietca l' erruri tighu, il gzira ta Rodi giet assediata min Solimano I. u uara difisa kauuia u cbir curag tal Cavalieri Ospitalieri giet lilom misruka fis-sena 1522 bla ma ebda Monarca ta l'Europa kabes ghaliom; u ech l'mseicnin Cavalieri ta S. Giuan chellom ihallu dic il belt uara li ipposseduua ghal mitein

u tnax il sena: xi sena uara mbghad il chiler Soliman icconquista l'Ungheria u ghal darbtein ghedded il Vienna.

Ech chif chienet il Cnisia mgheddda mil Protestantesimu u mill'Islamismu, bix tghakad seuua, Ruma giet saccheggiata taht l'mgiba hazina tal Cmandant Borbone mibghout min Carlo V. b'esercitu l'actar kauui, u fil uakt li chien jmblocca Ruma, gie maktul b'tir ta xcubetta; izda l'esercitu tighu ghadda il kuddiem taht il cmand tal Princep ta Oranges li dan is-saccheggia Ruma b'mod tali li il Papa Clementi VII. chellu jahrab u imur jnghalak f' Castel S. Angelu fein min mument ghal ihor chien jstenna il meut.

Il Cnisia f' dina l'epoca chienet tasseu mhabbta: il principjiet u is-Slaten Insara beinitom ma chienux jakblu; l'eretici mehdjin filli jsirku l' eruieh t'Alla: it Torc uara li iddomina l'Asia u l'Africa, ghedded li jahkem l'Europa colla, izda ma rnexxilux. F'tant bahar tempestus Cristu ma abbandunahix iddghaisa ta Pietru ghalchem mgharrra kalb l'imuig. Bosta chienu il mezzi li Alla nebbah lil insara bix isalvahom;

izda fost l'ohrain chien li gedded il kima vera u id-devozioni lein Maria Santissima f'cull classi ta società, specialment bit-Traslazioni tal Immagini miraculusa tal Bon Consil min Scutari ghal Genazzanu; illi bigha Maria uriet bic-ciar illi ma tghammar kat u kat fost poplu li ma iric jaf bigha, chif gia raina; izda fost dauc li ihobbua u ighozzua ferm.

Infatti, milliuni ta Insara mux biss mil'Italia fein marret tghammar, imma ucoll mil' Europa colla bdeu jersku lein is-Santuariu ta Genazzanu bix jvvenerau dina il miraculusa Immagini ta Maria Omm tal Bon Consil.

Dina il graja gibdet l' attenzioni ta culhatt u fuk collox ta xi pajisi li uakghou taht il chefria tat-Toroc, u dana chien ucoll causa li henneu bil bosta ghal Insara tal Albania li tilfu mux biss l'Immagini ta Maria, izda ucoll il-libertà tahhom ghal hakma tat-Toroc.

Ghadda xi zmien meta il Protestantesimu ucoll attacca u offenda lil Omm l'Alla Maria u lil kaddisin; allura chien illi dauc it-tratti heluin u nobili tax-

xbia ta Maria tal Bon Consil li hem Genazzanu cattru fil klub ta l' Insara l'imhabba u id-devozioni leiha u ech inkerdu l'errurı tal falsa religion tal Protestantesimu li rid jtfi il kima lein Maria Santissima. Tant hu veru dan li f' dina l'epoca id-devozioni tal Bon Consil xterdet f' Napli, fi Skallia, misset il gzira ta Malta, patria mahbuba tighi, griet fl'istati collha tal Cnisia, fl' Italia ta fuk, fil Baviera, fl' Austria, fi Spagna u Fiandra u, hagia tal ghageb, fein misset dina id-devozioni inkerdet ir-riforma karrieka li gia chinet ghamlet il gheruk.

Izda iena insib li chien uisk akua l'effett ta dina id-devozioni fuk l'ghadu dichiarat tal Cristianesimu: il ghaliex ftit taz-zmien uara il migia tal Madonna tal Bon Consil, is-setgha tas-Saracini li ghamlet bosta deni u hsara fil costi tal Italia, bdiet allura tonkos tonkos, illi il Cattolici, li haun chienu devoti tahha, bil mod il mod hadu ir-ruh u ghamlu curag cbir.

It Toroc allura bdeu isofru il hsarat, ghalchem zghar, u uara daun bdeu jtilfu u imorru uisk lura. Fis-sena 1480

ftit Cavalieri Ospitalieri, ieu ta S.Giuan, difensuri ta Rodi, li chien ghadom f'dina il belt, chellom il hila, taht il cmand tal Gran Mastru *Pietru d' Aubusson*, ichecciu u iraggighou lura il forzi collha ta Maomettu II, u dina il vittoria chinet ta cbir gid ghal Insara.

Izied ucoll ghalchem it-Toroc rebhu l' Ungheria, izda fis-sena 1526 geu mghakksin u mirbuha; uara 6 snin Soliman l'msemmi avanza b' nofs milliun ruh ghal fuk Carlo V izda chellu jargia lura mitluf. Imma fuk collox niehu gost haun nsemmi dina iccircostanza, illi meta korob leuuel centenariu tal migia tal Immagini prodigiusa f'Genazzanu, l'Europa collha bakghet mghaggba mil kauua u mil curagg tal Maltin u tal Cavalieri ta S. Giuan illi bih, taht il cmand tal Gran Mastru *Giovanni Parisot La Vallette*, iddefendeu il Gzira ta Malta contra it-truppi u il flotta kauuja ta Soliman, li dina allura chinet tant minfuha bil vittoria li giebet fuk il flotta l'ohra *tar Re Filippu* ta Spagna, izda dina chienet l'ahhar ghaliom. (1) Chien allura jder bic-ciar illi

[1] Mons. Dillon DD. Cap. VIII. N. 5.

l'ghainein tal hanina Omm tal Bon Consil chienu mdaurin fuk l'Insara, u mis-Santuariu tahha tid-dirigiom bil consigli sbieh biex bighom ighakksu u igibu fix-xein is-setgha tat-Toroc; u ma satax ma icunx ech.

Min dan is-Santuariu, infatti, hareg il Cap destinat biex jati l'ahhar salt u jghakkes darba ghal dejem il prepotenza tal Islamismu fuk il bahar. Dan chien *Marc'Antoniu Colonna* Padrun u Signur ta Genazzanu u Ammirall tal Flotta ta S. Pio V. Dan il Papa chien uisk devot lein il Gran Vergni Maria, izda fuk collox speciali devozioni chellu lein il Madonna tal Bon Consil illi bid-daul u il consigli li minna rcieva gharaf ir-regna u gid uisk cbir gieb fil merhla ta Gesù Cristu: u ech hu. B'dan id-don tal Consil it-tajeb li Maria Santissima tatu b'misura straordinaria irriforma il Cnisia u kered chem abbusi säb, sahansitra irresista chem felah, u zam bghid il progress li ghamlet l'eresia luterana, u fuk collox iddispona biex jlka u jccumbatti bil forzi collha contra il mishuta ambizioni tat-Torc, li min giurnata ghal

ohra actarx chienet toctor.

F'daun iccircostanzi, chif ucoll dejem f' ohrain, il Papa msemmi talab il ghainuna u id-daul ta Maria Santissima Omm tal Bon Consil biex tiekaf mighu, u it-talb tighu, ghaliex chien efficaci, giè mismuh. Il patrociniu ta Maria Santissima, infatti, deher mighu b'mod tal ghageb, ghaliex l'intraprisi, li chienu tant difficìli, collha irnexxeulu scond ix-xeukat ta kalbu. Hua biz-zeied li uihed isemmi haun il vittoria tant sabieha fuk l' armata potentissima tat-Toroc, li Maria Santissima tal Bon Consil kelghetlu, ghal fiducia u il particulari devozioni li chellu leiha.

Mal forzi li chellu ghakkad l'Armata Veneziana u Spagnola. Fettex Cmand allura illi jista imexxilu mill' ahiar il flotta, u sabu appuntu f' Genazzanu, fl'ombra tas-Santuariu ta dic l'Omm uisk hanina li lilha chien tant iueggieh, fil persuna gia msemmia tal Princep Marc'Antoniu Colonna. Allura chien li bdiet guerra harxia mat-Toroc taht il Cmand ta l'msemmi Colonna f'Lepanto, u uara battaglia kalila u cbira gieb il vittoria u ech il Cnisia hargiet trion-

fanti fuk l' Islamismu per mezz tal ghainuna t'Alla u tal patrociniu kauui ta Maria Santissima.

Uara dina il vittoria tant msemmia fl'Istoria, il Papa ried jati kima speciali lil Colonna billi jonorah b'Ingress trionfali f' Ruma u ech juri lid-dinia collha illi it-trionf fuk it-Toroc il Cnisia tafu, uara Alla u Maria Santissima, mil Princep Colonna Signur ta Genazzanu. (1)

Allura ridtu tarau is-Santuariu ta Genazzanu collu micsi bil bandieri mehudin lil Musulmani u b' tant fdal ta bastimenti, mghotia collha min Colonna biex ifaccru lil Insara u jatuhom xieda ta riconoscenza lein l' Omm hanina tal Bon Consil ghal cbar trionfi li ngiebu fil Cristianesimu bil ghainuna, bid-daul u il consigli sbieh min tahha (2)

[1] Fil palazz antich ta dan il Princep li jnsab f' Genazzanu ghadu jder sal-lum inpingiut ir-ritratt tighu. Il gisem tighu uara meutu già mitfun fil belt ta Paliano ftit bghod min Genazzanu.

[2] Daun il bandieri u huejeg ohrain mehudin lit-Toroc f' dich il Battaglia tant famusa ta Lepanto fl'1571, damu zmien tuil mdendlin fis-Santuariu ta Genazzanu u f' Ruma ucoll fil Cnisia jsima tal *Vittoria*; izda illum ma jdrux izied u la hem u la

Allura chien li il Papa msemmi uara daun it-trionfi tal Cnisia li dejem jafom min Maria Santissima chif ghedna, fost tant titoli ohrain, rid jatigha dac ta *Auxilium Christianorum* (Ghainuna tal Insara.)

X'irrid ngheid issa iena b' dina id-dakxein ta storia? Mux hagia ohra, hlief, chem chella sehem cbir Maria Santissima tal Bon Consil fid-defensioni tal Cnisia contra l'akua ghadu tahha li chella: isservit allura Maria Santissima bil Papjet, li ghainehom chienu dejem mdaura fuk l'Immagini miraculusa tahha taht l'msemmi titulu helu u nobli fic-circostanzi tant coroh ta guerer phal ma ia dina li semmeina; u meta hu ech, nista jena ma nistkarx u ngheid illi ir-rebbha u it-trionf uoll li il Maltin giebu fuk it-Toroc ma chienux effetti tal protezioni materna ta Maria Santissima tal Bon Consil, ghalchem dan ftit jeu xein hu minnom mgharuf? Iva ech hu; jistkarru minflochi l'Istoricu minni gia msemmi Mons. Dillon, illi ma chellu ebda interess

haun, ghaliex geu mitlufa u mnehhijn fil bidu ta dan is seculu meta il Francisi dahlu l'Italia.

ifahhar il gzira ta Malta fit-trionf li giebu il Maltin fuk it-Toroc per mezz tal Patrociniu kauui tal hanina Omm tal Bon Consil. U la darba u ech, nithlu, Maltin huti, f' certa obbligazioni lein dina l'Omm ech hanina taht titulu ech sabieh tal Consil it-tajeb, biex niccorrispondu mahha mill'ahiar li nistghou, billi nxerdu il kima u id-devozioni leiha, billi ninchitbu u nghamlu li ohrain jnchitbu fil Pia Unioni, billi nilbsu l'Abitin tahha, nzommu fi diarna l'Immagini sabieha tahha, billi nzurugha chem nistghou u nghamlu li l'ohrain izurugha ucoll fis-Santuariu tahha, iech icunu jistghou, specialment meta ninsabu Ruma li min haun ftit ua bghod is-Santuariu: u meta din ix-xorti icolna li ncunu fis-Santuariu kuddiem l'Immagini tahha. uara li nitolbua dauch il grazzi li nixtieku ghalina, grazia ohra speciali nitolbua u bi cbira hrara, illi bil consigli tahha iggiarraf dauch li bihom l'ghedeuua tal Patria iridu jtfu ieu inemnmu dich il Fidi tant haja li chebbes fil klub tal Maltin il mahbub devot tahha l'Apostlu missierna Paulu.

## §. VIII.

## Fuk il Pia Unioni ta Maria SSma. tal Bon Consil

Chif bdiet dina il Congregazioni, ech mseiha *Pia Unioni* hia hagia uisk sabiha biex forsi Maria Santissima tal Bon Consil tigbed ghal hdan ta Binha Gesù l'eruieh insara bid-devozioni u is-sbieh consigli tahha.

Minn dejem jnghad illi fl'euuel snin li il pellegrini chienu izuru dina l'Immagini prodigiusa, chienu ihossu gibda cbira leigha, illi ma chinitx ittiom kalbom li imorru min kuddiema, u ghalech chienu ificciu li jokghodu xi zmien fl Genazzanu biex jstghou jvveneraua u jtghaxxku bil presenza mahbuba tahha. Izda dan billi ma satax icun dejem, talbu lir-Religiusi Agostiniani illi ihallu Ctieb fil Cunvent, illi fieh jigi registrat isimom u ta dauc il pellegrini colla illi iridu bl' intenzioni jbkghou presenti kuddiem ix-xbia miracolusa ta Genazzanu per mezz ta l'orazionjet mghamula ghaliom.

Dana chien il bidu tal *Pia Unioni*

illi maz-zmien li fieh chinet tinhtieg actar id-devozioni ta Maria Omm tal Bon Consil, giet muakkfa bir-regula colla dina il gemgha ta Insara taht il patrociniu kauui ta Maria Santissima taht it-titulu nobili u sabieh ta Omm tal Consil it-tajeb, mil Patrijet ta Genazzanu. Allura giet approvata u confermata mil Papa Benedettu XIV li figha ried icun Hu leuuel uihed associat, u bi Brevi tighu tat-2 ta Lugliu 1753 stanigha il *Pia Unioni* b'bosta Indulgenzi, illi daun cotru min Papjet ohrain u fostom min Pio IX li chien tant devot ta Maria tal B. Consil, illi leuuel kuddiesa tighu ried jaghmila kuddiem l'Immagini tahha. Izied ucoll fis-sena 1864 f' pellegrinag li sär ghal Genazzanu, il Papa msemmi rid hua stess icun il cap tighu u, min Castel Gandolfo fein chien, sa Genazzanu, mar bil mixi b'dic is-solennità colla li tixrak u fl' istess uakt fetah it-triek gdida, (mghamula a spejes tighu) illi tati min Genazzanu ghal Valmontone.

Xein inkas min Pio IX hua il Papa attuali Leone XIII mictub fil *Pia Unioni*, u ghal chem hù chif inhu ma

jstax izur is-Santuariu u l' Immagini tant miraculusa tal Bon Consil, izda hia dejem kuddiem il menti tighu u bl'ispiritu izura spiss bit-talb u bil Consigli li jtlob minnha biex 'jggoverna id-dinia colla cattolica. U dana jstkarru uihed mil Prelati tal Vatican illi bosta drabi rà il Papa mixhut kuddiem l'Immagini tal Bon Consil li tinsab fuk l'Altar maggiur tal Cappella Paolina inaugurata mill'Antecessur tighu Pio IX.—Ghal dina id-devozioni li ghandu dan il Papa lein l'Omm tal B. Consil min igheid li mux hi helsitu mil chiefra operazioni li ghamlulu it-tobba ftit ilu? Hua stess stkärr mal Cardinal *Gibbons* li il helsa tal marda tighu jafa min Maria Santissima li leiha irricorra uisk bil kalb uakt l'ugih li chien isofri fl'operazioni chirurgica.

Ora ghal feikan ta dan l' mkaddes Papa icconcorra bil bosta dan is-Santuariu fit-talb, uara l'istedina li iena ghamilt lil poplu bix bit-talb ta Tridu solenni ad unur u gloria ta Maria Santissima tal Bon Consil, il Vicariu ta Cristu Leone icollhu ghainuna u confort, u il poplu fidil ghal chelma tighi iffolla

fit-tempiu mux biss ghat-Tridu, izda ucoll ghat-*Te Deum* b' ringraziament l'Alla, illi bl' intercessioni ta Maria, heles dan il cbir Benefattur tas-Santuariu min marda tant chiefra.

Semmeit li hua Benefattur tas-Santuariu u mux biss, izda ucoll ta l'Ordni Agostinian, ghalix fit-tiubia tighu u ghal kima li ghandu lein Maria tal Bon Consil rïd jcconciedi l'Abitin mkaddes ta Maria, li minnu ghad nithadtu. Barra min dan, icconcieda ucoll u ghogbu izejen il Breviarj bl' Officiu gdid tal Madonna tal Bon Consil, uara li gié mitlub min bosta Iskfijet, illi jpprovau bicciar chem verament hia mehtiegia dina id-devozioni fi zmenijet ech coroh.

S'issa semmeina li fil *Pia Unioni* huma msiehba il Papiet u li bosta minnhom chellom devozioni cbira lein il Gran Vergni Maria tal Bon Consil, imma fir-Registri tas-Santuariu jnsabu ucoll Cardinali, Princpijet u fostom tal famiglia *Colonna* li huma cbar Benefatturi ta dan is-Santuariu; izied ucoll jnsabu Rejiet phalma hu *Ferdinando* VI Re ta Spagna, ir-Regina *Barbara*

*Maria*; izied ucoll Iskfijet, Superiuri ta Ordni Religiusi, nobili u baxxi, signuri u fkar, insomma Insara ta cul condizion illi il coll flimchien jfformau propaganda sabieha ta devozioni tal B. Consil bix bigha jeffettuau ruhom dauc il Consigli materni sbieh ta Maria li bighom jsta jnkered id-dnub mil uicc ta l'ard, li hua leuuel fini tal *Pia Unioni.*

Xi ngheidu mbghat mill'Indulgenzi li bighom hia mzejna din il Congregazioni u mis-suffragj li jppartecipau uara meutom l'Associati? Daun huma bosta chif narau ictar il kuddiem, ghalech l'Associati colla f' cull stat u condizion li huma ghandom icunu jafu li dina id-devozioni tcun mux le apparenti, izda operusa, cioé jppraticau bil premura tahhom colla chem hua mictub, u chem jstghou ixerrdu mall ohrain dina il kima lein Maria bl'esempi ta sbieh virtù.

ROYAL ... MELITENSIA ... MAIN LIBRARY

## Condizionjiet mehtiegia bix uiehed jinchiteb fil Pia Unioni tal B. Consil

1. — Tmur inti stess jeu tibghat ismech lid-Direttur tal Pia Unioni f' Genazzanu ieu f' Malta ghand il Patrjiet Agostiniani, sabix icun registrat fil ctieb tal Associati.

2. — Tirrecita cull jum 3 Ave Maria.

3. — Izzomm fukech ieu geuua darech copia taxxbia tal Bon Consil u tghamel dmirech biex toctor id-devozioni tahha.

4. — Tghamel kuddiesa fis-sena (jech jsta icun fl'altar privileggiat mil Papa Benedettu XIV): jech ma tistax minflocha ghamel tkarbina.

5. — Daun l'opri colla applicahom ghal Associati colla. (Ghandech taf mbghat illi ebda condizioni ma tobbliga taht dnub.).

## INDULGENZI PLENARJ

1. — Fil jum li uihed jnchiteb, inchella il Hadd, jeu ieuuel festa li tigi li figha ikerr u jtkarben.

2. — Fil festi tal Madonna u f' erbgha sibtjiet fost is-sena (applicabili ghal eruieh tal Purgatoriu) jech uihed ikerr u jtkarben u itlob, f' xi Cnisia, scond il fehma tal Papa.

3. — Fil pont tal meut jech mkarar u mkarben iech dan ma jstax jaghmel, isemmi bil kalb jeu bil fomm l'ismjiet ta *Gesù* u *Maria*.

4. — F'dac il jum li jaghmel il kuddiesa msemmia fuk (applicabili ghal eruieh associati) jech ikerr u jtkarben phal ma ghedna fin-numru 2.

5. — Fil festa tal Bon Consil *(applicabili ghal eruieh tal Purgatoriu)* jech almenu jaghmlu 5 tjiem min novena ieu it-triduu collu fein dan isir,

u ikerru u jtkarbnu, u itolbu ghal paci ta bein is-slaten insara, ghal kerda ta l'eresia, ghal conversioni tal midimbin u ghal esaltazioni tal Cnisia mkadsa. *( Pio IX fil Brevi tas16 ta Marzu 1875. )*

6. — Jrbhua ucoll dauc l'associati illi f' pajisom ma issirx dina il festa, chem il darba izda jaghmlu novena ieu triduu privatament, u fis-26 ta April jtkarbnu u izuru Cnisia tal Madonna jeu tal Parroccia, u jtolbu phal fuk.

7. — Jrbhua dauc ucoll li ikerru u jtkarbnu jassistu fil kuddiesa solenni li issir fis-Santuariu ta Genazzanu, ghal Associati collha, f' giurnata min tan-Novena li dejem issir uara il festa tal 25 ta April. *( Applicabili ucol ghall'eruiech. )*

# INDULGENZI PARZIALI

1. — Ta 7 snin u 7 quarantena *( appl. ghal eruieh )* fil festa tal Visitazioni u il Presentazioni ta Maria V. jech niedma jinvistau xi Cnisia. [phal fuk.]

2. — Ta 7 snin u ohrain quarantena *( appl. phal fuk )* jech b'kalb niedma l'associati jaghmlu in-Novena jeu it-Tridu privatament ieu fil Cnisia [phal fuk].

3. — Ta 60 jum ghal cul darba li jaccompagnau fil Processionjiet ieu fil Viaticu tal morda, jeu lil meitin ghad-difna; izied ucol jech jrrecitau 5 Pater u Ave ghal eruieh, jeu jaghmlu xi opera tad-devozioni ieu xi att ta hniena, ta carità etc. etc.

Cul min hu mictub fil Pia Unioni imbghat ghandu sehem mill'operi it-taiba li isiru ma tùl is-sena fis-santuariu ta Genazzanu.

## Gìd spirituali li jacquistau l'Associati li igheinu is-Santuariu.

1. — Cul sena isiru 100 kuddiesa ghal associati hajin, u f' cull xahar isir ghaliom triduu u kuddiesa cantata fl'altar tas-Santuariu.

2. — Cul sena ucoll isiru 100 kuddiesa ghal meitin u cul xhar triduu u kuddiesa cantata ghar-ruhom.

3. — Jgaudu il frott speciali ta tant talb li isir fis-Santuariu u fost l'ohrain *Salve Regina* li tighaud cul-leila uara Litanjiet tal Madonna.

4. — Ma l'ahbar tal meut li jati cul Direttur lid-Direttur Generali, tal mictubin, ghal cul associat isirulu 20 kuddiesa jech chien jati zeug scellini u u nofs fis-sena; jech scellin u 3 soldi, 10 kuddisjet. Ghal cumdità mbghad tal Associati cullimchien jnsab Direttur particulari li hua dejem Patri ta S. Uistin illi dan jigbor il flus tal associati u jbghatom lid-Direttur generali tal Pia Unioni.

5. — Flahhar nett uihed jista ihallas darba ghal dejiem 30 scellin u icollu 20 kuddiesa; ieu 15 il scellin u icollu 10 kuddisjet.

## Fuk l'Abitin tal Madonna tal Bon Consil.

Phala tmiem ta din l' Istoria jxrak li uihed icun jaf in-nisel, il pregi u l'Indulgenzi ta l'Abitin tal Madonna tal Bon Consil illi il Papa presenti Leone

XIII hames snin ilu mär jati lil Ordni Agostinian bil facoltà li ikassmuh lil Insara.

Fi zmenjet phal ma huma tal-lum illi l'ghedeuua tal Cnisia inventau armi giodda contra tahha, chien jnhtiegiu mil Cnisia ucoll armi ohrain biex tista ticcumbatti. Chien allura hsieb uisk sabih tad-Direttur Generali tal *Pia Unioni*, li allura chien il P. Maistru Aurelio Martinelli, sabiex l'Insara colla icollom *Abitin* tal Madonna tal Bon Consil phala signal ta devozioni u tarca kauuia contra il consigli infernali.

Il Papa laka uisk bil ferh it-talba tad-Direttur msemmi u uara li sama ir-relazionjet tal Cardinal Prefett tal Congregazioni tar-Riti, b' degriet mahrug fil 21 ta Jannar 1894 icconcieda lil Ordni collhu Agostinian il facoltà perpetua li ibircu dan l'*Abitin* u ikassmuh lil Insara b'dauc ic-cerimonj u l'orazionijet prescritti.

B'dan l'Abitin ghaziz leuuel ma izzejen listess Papa Leone u phala semplici cattolicu rïd jrcevih min idein Monsignur Sagrista Agustinian *Guglielmu Pifferi* flistess giurnata tal

festa tal Bon Consil. Oh! x' esempiu sabieh ta umiltà hua dan ghal Insara! X' manifestazioni solenni ma hïx din ta kima lein Maria Santissima tal Bon Consil li ghandu dan il Papa!

Min hem il baun l'Abitin xtered ma cullimchin per mezz tar-Religiusi Agostiniani b' mod u maniera, illi ma tinsabx rocna fid-dinia cattolica li fia ma jinsabx mxerred l' Abitin msemmi. F' cull cunvent tal Patrijet Agostiniani jnsab uihed Delegat bix ibierech u ilibbes lil Insara b'dan l'Abitin, u dan hua actarx dejem l'istess Direttur tal *Pia Unioni* li semmeina. Il hlas bix uiehed icun mictub u mzejen b' dina il-libsa ghaziza hua uisk ckeiken u miseru, ghaldakstant, ahua Maltin, la tibkghoux privi min tant indulgenzi u privilegi li kaun sejrin ngibu.

Kabel izda ma' ngib kuddiem ghaineich l'Indulgenzi u il condizionjiet li tippratca, ma hux ta min ihalli it-tifsir ta l'Abitin. Min banda il uahda igib ix-xbia ta Maria tal Bon Consil chif hua xierak, u dan ifisser li id-devot tahha ghandu icollhu kuddiem ghaineih Lila dejem, jech mis-sema jxtiek con-

sigli ta gherf bi bih jssupera il pericoli tar-ruh u tal gisem, u Leiha dejem jrricorri, seuua seu chïf stkärr il gharef S. Bernard *In periculis Mariam cogita, Mariam invoca* (1)

Mil banda l'ohra igib l' arma tal Papa illi dina tfisser illi in-nisrani ghandu icun dejem marbut bil menti u bil kalb mall Cattedra Infallibili ta Pietru, jech jxtiek li il consigli tighu icunu ta verità, ta hak u ta cliem ta haja eterna, *verba vitæ æternæ habes*; u billi dina l'ghakda ieu rabta ta bein l'Insara u il Papa hia illum mehtiegia uisk, specialment li l' ghedeuua huma uisk mghakuda biex jccumbattu il Cnisia; ech ucol jnhtieg li l'Insara phala bnidem uihed jnghakdu b'tama kauuja li il Cnisia tit-trionfa.

Fl'istess Abitin ghandech ucoll issib chelmiet sbih uisk taht l'arma tal Papa *Fili acquiesce consiliis ejus*, igifieri illi il Papa irid li ahna nilkghou bil hleuua collha il consigli ta Maria, seuua seu chif Maria Santissima chinet tilka b'kima u rispett cbir il consigli ta

(1) Hom: II super *Missus* circa finem.

Gesù Binha, *Maria autem conservabat omnia verba hæc in corde suo,* ech u xein inkas Maria trid ucoll li ahna bil hleuua colla nilkghou u nisemghou dauc il consigli tal Papa li huma consigli t'Alla stess, u ghalech consigli ta haja eterna, consigli hergiin mil fomm tal Vicariu ta Gesù Cristu Binha.

Iech dana icun, jbka sgur li min ighozz dan ir-rigal ta Maria, icun protett dejem mill ghainuna tahha fit-trik tas-salvazioni eterna.

## INDULGENZI PLENARI.

1. Dich inhar li jehdu il-Labitu, jeu il Hadd jeu l'euuel festa li tigi.

2. Nhar il festa tal Bon Consil jeu fost l'ottava tahha.

3. F' uakt il meut, jech icunu karru u tkarbnu, u isemmu bil fomm, jeu ghallinkas bil kalb, l'Isem Imkaddes ta Gesù.

4. Fil festi tal Concezioni—Tat-Tuelid—Tal Lunziata—Tal l' Assunzioni ta Maria Vergini—u nhar Santu Uistin Iskof u Duttur tal Chnisia.

## INDULGENZI PARZIALI

1. Indulgenza ta sebgha snin u sebgha quarantena u jistghu icunu applicati ghal eruieh tal Purgatoriu, nhar il Presentazioni u il Visitazioni ta Maria, jech nidma jinvistau xi Cnisia, hemm jitolbu scond il fehma tal Papa.

2. Mitt jum cull darba li isemmu bil kima l'Isem ta Maria Omm tal Bon Consil,

3. Indulgenza ta mitt jum cull darba li b'kalb nidma u ghal conversioni tal midimbin jaghmlu xi opera taiba.

## Chif jitbierech u jnighata il-Labtu tal Madonna tal Bon Consil.

*Is-Sacerdot bi stola baida igheid:*

V. Is-sahha taghna fl'isem ta Alla.
R. Dach li halak is-sema u l' art.
V. Urina o Sinjur il hniena tighech.
R. U tina il ghajnuna tighec.
V. Sinjur isma talbna.
R U il ghajta taghna tasal sa uidneich.
V. Is-Sinjur maghcom.
R. U bli spiritu tighu.

NITOLBU.

O Sinjur Gesù Cristu, li per mezz tal misteru ta l'Incarnazioni tighech, sirt ghal bniedem l' Anglu tal cbir Cunsil u il Cunsilier tal ghageb, icollech il bontà tbierech dan il-Labtu tal Kaddisa Maria Omm tighech tal Bon Consil, sabiex dauch li jilbsuh bil ghajnuna tal grazia tighech, jehdu pariri tajba u bighom jisthokku il gid ta dejem. Inti li tgheix u issaltan ghal dejem ta dejem.
R. Ech icun.

*Imbaghd iroxx l'ilma imbierech fuk il-Labtu, u fil hin li ikeghdu f'ghonk il persuna ighcid:*

H'a (jeu ohti) hu dan issinjal tal Beata Vergni Maria Omm tal B. Consil, sabiex bil ghajnuna tahha, taghmel dejjem, dac li hu maghgiub mn' Alla, u tisthok li tcun maghdud mal muhtara tighu.

F'gieh Cristu Sidna.
R. Ech icun.

*Imbaghad icompli*:

V. Itlob ghalina, Omm tal Bon Consil.
R. Sabiex jisthokkilna dach li ueghidna Cristu.

NITOLBU.

O Alla li ghogboc tatina b'Omna lil Omm tal mahbub Iben tighech, u ridt tant turina is sabiha xbija tahha, b'dehra tal ghageb: atina il grazzia, li nokoghdu ghat-tuissijet tahha, scont kalbech ingheixu u nisthokku li naslu fil patria tas-sema.

F'gieh li stess Gesù Cristu Sidna.
R. Ech icun.

## IT-TIENI TAKSIMA

### Dahla ghat-tieni taksima

Fost tant doni sbieh li izeinu il virtù tal bniedem, uihed hua dac li bih jati consil tajeb, effett tas-sabiha virtù cardinali li hia il *Prudenza.*

Il Consil icconsiderat phala uihed mis-sebgha doni ta l' Ispiritu Santu li izeinu l' eruieh bil grazia t'Alla u li ihejiom ghat-triek tal perfezioni, hua propriu dac li jghein uisk il bniedem biex jmxi fit-triek tas-seuua, ta l' onestà u fuk collox javvertina li ma nitkarkux mid-Demoniu. "*Galiex*, chif igheid il Card: Bellarmino, *id-Demoniu meta ma jistax jrbah bil forzi, idur ghattakrik, u taht scusa ta gid iuakka lit-taibin. Izda Alla ma jabban-*

*dunahomx, u ghalech inissel fi-ghom id-don tal Consil li bih ghandom ilestu ruhom li ma icunux mkarkin mil ghadu.»*

Ora biex il bniedem ma jakax f'dan it-tigrif, min ma jarax chemm hia mehtiegia l'intercessioni ta Maria Omm tal Consil it-tajeb illi misSS. Padri giet mseiha *Consigliatrici divina?*

Meta hua ech ma nghamilx hazin li ngharraf id-devoti tahha liema hua it-talb li lilha ghandom jaghmlu, biex bl'intercessioni ta dina l'Omm jakilghou il grazia tal pariri u consigli taiba, specialment fiz-zmenjiet li ninsabu ta takrik u hazen liema phalu.

ROYAL UNIVERSITY ... MALTA

# Kima ta cull fil-ghodu lil Omm hanina tal B. Consil

Kabel xein, la geina f' dan, ngheidu xi inhu li isir ta cull fil ghodu cmieni geuua is-Santuariu ta Genazzanu.

Fis-Santuariu sa min zmien tuil fil kuddiesa ta leuuel tinghata kima lil Maria SSma, b' devozioni liema phala mil popolazioni, illi min icun presenti ghandu itghaxxak.

Leuuel ma jnghad l' *Angelus Domini* etc. mis-sacerdot stess li ikaddes, mbghad l'attjet colla mil poplu u it-tifhir *Icun mbierec Alla* etc: uara dan tibda il kuddiesa li figha jnghad ir-Rusariu bid-devozioni u bil cant tal-Litania tal Madonna.

Dina il prattica ech sabieha u devota il poplu iridha uisk u jffrequentgha anche fl' akkal granet tax-xitua li figha jaghmel bard uisk: u ghaliex hia ucol ta cbir gid ghar-ruh u ghal gisem il Cardinal Iskof ta Palestrina *Alessandru Mattei* b'degriet mahrug Ruma fit 12 ta Jannar 1805, uara li fahhar chem felah dina is-sabieha devozioni ta fil-ghodu, ghamel proibizioni lil kassisin tal Pajis li ikazzu jeu li jaghmlu funzionjet publici uakt li issir dina il funzioni fis-Santuariu, taht piena li icunu sospisi minnufih, ghal dina ir-ragiuni

biex il popolazioni tingiabar fis-Santuariu biss u tati kima lil Omm hanina tal Bon Consil.

Bosta drabi uara dina il Kuddiesa jinghad xi Triduu kuddiem il Madonna bl'assistenza tal popolazioni ghal intenzioni ta min jordnah ieu ghal bzonnjet tal Associati fil Pia Unioni.

Intom mbghad li ma tistghoux tcunu presenti fis-Santuariu u tridu tghozzu dina id-devozioni lein l'Omm tal Bon Consil ta cul fil ghodu, fuk collox jech intom msehbin fil Pia Unioni tahha, leuuel ma ghandcom tghamlu chif tkumu is-signal tas-salib u tgheidu bil kalb jeu bil fomm:

*Gesù, Giuseppi u Maria*
*Naticom kalbi, ruhi u cul ma fia;*

uara li tcunu lbistu, kuddiem ix-xbia tal Crocifiss u ta l' Omm tal B. Consil ( li ma ghandomx jonksu f' darcom) gheidu dina it-talba:

*SSma. Trinità, Missier, Iben u Sp. S. bl umiltà colla nadurach u nirringrazziach mil benefizj li ghamiltli fil cors ta hajti, fuk collox li hlaktni nisrani u zammeitni haj f' dan il-leil. Ahfirli dnubieti u atini il grazia li ma noffendich katt.*

*U inti Omm hanina tal Consil it-taieb nghazlech b' Omm u b' Avvucata tighi; nghuedech ghalech li niscansa min cul*

*dnub u li nokghod ghal pariri u il consigli tighech li huma veri consigli ta haja eterna.*

*Pater, Ave, Credu u Requiem etc.*

Uara dan ghamel l' Att tal Fidi, u jech tista thallix is-smieh tal Kuddiesa.

## Kima ta cull fil ghaxia.

Fis-Santuariu ta Genazzanu fil ghaxia ucoll issir dejem, ghal habta ta l' Ave Maria, pratica ta devozioni uisk maghgiuba lil Omm tal Bon Consil.

Dina ticconsisti filli is-Sacerdot liebes l'ispellizza u stola johrog mas-sagristani u imur kuddiem l'Immagini u fil uakt jtcanta l' Innu tal Madonna *O Gloriosa Virginum* mil poplu accompagnat bid-dak ta l' Orgni; Uara dan jech ghandu isir xi Triduu tal Pia Unioni, jeu xi ihor ordnat, isir ucoll bl assistenza tal poplu, u uara dan jitcantau il-Litanjet tal Madonna u l'orazionjiet *Deus qui Genitricem* — *Deus qui oorda fidelium* — *Deus refugium nostrum.*

Is-Sacerdot mbghad jrricmanda lil poplu li igheid 3 *Salve regina*, uahda ghal bzonnjet tal Cnisia, ohra ghal Benefatturi tas-Santuariu u l'ahhar ghal bzonnjet spirituali u temporali li huma presenti. Iech isir xi Triduu tinghad *Salve regina* ohra ghal min ordnah.

Uara dan collu jnghad it-tifhir *Icun m bierech Alla etc.* u tispiccia il funzioni bil barca ta Maria SSma b' dan il cant:

*Tal Bon Consil Maria*
*Lilna l' Iben tighec*
*Il barca tighu ma tighec jatia.*

Izda dauc li ma jistghoux icunu presenti bil gisem fis-Santuariu ghal dina il funzioni tant devota, fuk collox dauc li huma mictubin fil Pia Unioni, jissiehbu ghallinkas bl' ispiritu u bix-xeuka, u itemmu il giurnata b' xi devozioni.

Ghalech kabel jdhlu fis-sodda jaghmlu is-salib mkaddes u bil kalb igheidu:

*Chif nibda, o Signur Alla tighi, nirringrazziach min dac collu li ghamilt mighi u fuk collox il-lum? Chem ma ghandix nintela bil misthia, meta niftacar li abbuzait mil hniena u il grazzi tighech u forsi min dauch stess li ghamiltli il-lum? Ahfirli o Gesù tighi ghal mèriti tal Passioni u il meut tighech, fil uakt li natich chelma ferma li ma nzidc izied noffendich.*

*U inti Omm tal Bon Consil, ghainuna fil bzon tighi, ati harsa helua fuki f' dan il-leil u aklghali min ghand Ibnech l'indiema ta dnubieti. Ghattini, f'dan il-leil li gei fuki, bil mant tal protezioni tighech, checci min kuddiem ghaineja cul hsieb hazin li jista joffendi il Maestà t' Alla. Phal uihed (jeu phala uahda) msieheb fil*

*Pia unioni tighech nitma li tinprotegini b' mod speciali fil haja u uakt il meut. Ech icun.*

*Pater, Ave, Gloria u Requiem etc.*

*Gesù, Giuseppi u Maria etc.*

*Tal Bon Consil Maria*
*Lilna l' Iben tighech*
*Il barca tighu ma tighech jatia.*

## Tifchiriet li tati l'Omm tal Bon Consil lid-devoti tahha

Ibni inti issejahli Ommoch, u tueggiehni b'Omm tal Consil it-tajeb u uisk seuua tghamel; izda iech id-devozioni li ghandech leja hia chif imiss, u trïd verament tghogiobni isma min chliemi u ghamel li ngheidlech.

1. Id-devozioni tighech ghanda tcun ta tliet xorta bix takla is-salvazioni ta ruhech; cioè, *vera,* mux, vol diri, ta fuk fuk u tispiccia fi ftiet talb estern, imbghat tittrascura il pratica tal virtù u ma timmendax mil vizî. Ghanda tcun ucol *Filiali*, ech mseiha bix tittratta mighi bil confidenza colla, mighi tiftah kalbech turini li stat li fih tinsab u; iena malair nifmech u natich il pariri u il consigli li jnhtiegiuch. Ghanda tcun flahharnett *Constanti,* igifieri illi

dac il ftit tat-talb li tghamilli cul jum u li hua compatibili ma l'istat tighech, ma thallihx u tghozzu dejem. Ech ghanda tcun dina id-devozioni iech trïd tiehu sehem fil kauui Patrociniu tighi u icolloch id-daul necessariu li bih tasal fir-Regnu tas-sema.

2. Ftacar li fid-dinia ma emx akua giid mil grazia t'Alla li tnissel il hena u il paci fil kalb; u ma emx akua deni fid-dinia mid-dnub illi iharbat il cuscienza u jgbed is-sahta u il castighi t'Alla.

3. Min irid isalva ruhu ghandu ighaddi min torok mizrugha bix-xeuch, chif jassicurana listess Gesu C. min irid mbghad jtlef ruhu ighaddi mit-torok tal frugha tal piaciri u tal comodità.

4. Ahrab l'occasioni tal periculi, la darba *«min ihob il periclu flahhar jaka fih,»* u fuk collox ahrab il cumpagnia hazina u il kari ta cotba velenusi.

5. Ishet ir-rispett uman. Alla hua dac li giurnata iggiudicach u mux le il bnedmin tad-dinia.

6. Ghamel li ilbies tighech icun ta l'onestà u li ma inissilx xi scandali: l'isbah tizijn ta ilbies hua dac tal virtù.

7. Ekred min fommoch il cliem hazin, u l'isem t'Alla fil batal, u min floc dan idra gheid xi cliem jeu xi talba zgheira li bigha tati esempiu taieb lil proxxmu u

li bih timmerita.

8. La thalli kat it-talb ta fil ghodu u ta fil ghaxia; jech tista la thallix il kuddiesa ta cul jum; zur l'iben tighi fis-SSmu Sagr. ta l'Altar cul jum; ersak spiss irċievi is-Sagramenti tal Krar u tat-Tkarbin Hares il Hdud u il Ptajel.

9. Iech tcun ittribulat mit-tentazionjiet, irricorri leja kuddiem ix-xbia tighi, li ma ghandix tonkos f' darech; afda kalbech mighi u Iena inhen ghalich, nicconsolach u inzeinech bil pariri u bil consigli tighi sbieh.

10. Ahseb ghaldakstant dejem fia, cul jum gheid ir-Rusariu bil kima u id-devozioni; inchiteb fis-sabiha Pia Unioni tighi; izzeien bil-Labtu ucol tighi u ghamel li tosserva chem jnsab prescritt.

*Tcun mfahhra ghala dejem*
*Tal Bon Consil Maria*
*Gloria ucoll lil Iben tahha*
*Min culhatt tigi mghotia.*
*U lit-Tnein bil kalb nitolbu*
*Li jatuna il barca tahhom;*
*U li uara dina il haja*
*Iehduna il Genna mahhom.*

# NOVENA

## ad unur ta M. SSma. tal Bon Consil li tisua ucoll bi thejia ghal festa tahha.

Alla tighi isma ittalb tighi etc.
Gloria lil Missier etc.

I.

Vergni SSma tal Bon Consil, li halleit u maritc taf bil hazina Scutari abbandunata f' idein il jasar tat-Toroc, ghazilt b' ghamara tighech l' ard uisk umili ta Genazzanu fl' Italia; Deh! bl' umiltà collha nitolbuch li takililna min ghand Alla il grazia li bigha malair inhallu u nahirbu il jasar tad-dnub, u fir-ruh taghna inuakkfu tempiu chif jixrak l' Alla u niddedicauh specialment ad unur tighech.

*Ave u Gloria.*

II.

Vergni SSma; tal Bon Consil li irrivelait il harba tighech min Scutari lix-xurtiati pellegrini *Giorgi u Desclavis* minnech mghazula bix jaccompagnauch fil viagg; nitolbuch bil kima collha li takililna il grazia min ghand Alla li bigha fil viagg tal haja taghna incunu assistiti mil

protezioni kauuja tighech, li nistghou nimxu dritt u nghaddu il bkia ta hajitna a gloria ta Ibnech Gesù u tighech Omm tghana uisk hanina.

*Ave u Gloria.*

III.

Vergni SSma tal Bon Consil, li gharraft mis-sema lil Beata Petruccia, bint spirituali tal cbir Missier S. Uistin, biex tlesti il Cnisia u il-loch li fieh ritd tkighed ix-xbia tighech; Deh! nitolbuch bil kalb li takalilna min ghand Alla il grazia li bigha ech chif ahna incunu sirna tempiu haj t'Alla, nistghou nicconservau impressa firruh tghana dina ix-xbia mkadsa tighech, li isservina ta ghainuna chbira biex giu nghaddu dejiem il kuddiem fit-triek tal perfezioni.

*Ave u Gloria.*

IV.

Vergni SSma, tal Bon Consil li b' ghageb cbir inklait mil hait li fuku chinet mpingiuta ix-xbia tighech u dina mghollia fi' airu bein zeug colonni ta nàr u shab lictar jiddi; Deh! nitolbuch li takalilna il grazia min ghand Alla, ill bigha niddistaccau ruhna mill'affetti tad-dinia u tat-takrik tahha, u nintelku ghal collox f' idein il hniena t' Alla,fil hena u fin-nichet ta dina il haja li Alla jbghatilna ghal gid tghana.

*Ave u Gloria.*

V.

Vergni SSma, tal Bon Consil li min ghand Alla klait il prodigiu li tissoda il bahar u fuku iz-zeug pellegrini mxeu bla ma xein ptellu biex jaccompagnau l'Immagini tighech; Deh! nitolbuch bil hniena li takalilna il grazia min ghand Alla li bigha inrazznu il passionijet hziena tghana u ngharfu nvinciu l'amor propriu, sabiex uara li ncunu mahlulin mir rabta lein dina l'ard, nistghou bil libertà collha incomplu id-disposizionjiet tal Provvidenza f' dac l'istat li tkghedna.

*Ave u Gloria.*

VI.

Vergni SSma. tal Bon Consil illi ix-xbia tighech meta uaslet f' Ruma ghebet lil pellegrini devoti u xehtitom f' desolazioni liema phala; u uara tant tficcia sabhua fil Cnisia ta Genazzanu ghal kima ta culhatt; Deh! nitolbuch li takalilna il grazia min ghand Alla illi bigha inzommu dejem haj id-daul tal Fidi u li katt ma nitilfu min kuddiem ghaineina il consigli mkaddsin tighech.

*Ave u Gloria.*

VII.

Vergni SSma, tal Bon Consil li fost tant prodigj mn' Alla mghamulin per mezz tal Immagini prodigiusa tighech, uiehed li jisbok l' ohra collha hua dach li tinsab iz-

zomm ma mchien; Deh! nitolbuch li takalilna il grazia min ghand Alla, illi bigha ncunu mnezzghin mil frugha ta dina l'ard, dejem unitī mal volontà t' Alla u nsiru degni li nonorauch f' dina l'Immagini ech ta ghageb b' devozioni cbira.

*Ave u Gloria.*

VIII.

Vergni SSm̃a, tal Bon Consil li fix-xbia prodigiusa tighech turi uicciech ech sabieh u maestus illi bìh theggeg il popli collha biex leich jrricorru fit-talb tahhom; Deh! ghamel illi il fiducia kauuja li ghandna fich takalilna min ghand Alla il grazzi collha li nitolbuch.

*Ave u Gloria.*

IX.

Vergni SSm̃a, tal Bon Consil li halleit it-tempiu ta Scutari u ma ritd kad li icun ipprofanat mit-Toroc; Deh! nitolbuch li takalilna ix-xorti min ghand Alla illi ma ncunux abbandunati mil grazia tighu u l' ankas li jista ghalina l' ghadu infernali; u Inti ghamel li tassistina bil ghainuna tighech sa l'ahhar nifs ta hajitna. Ech icun.

*Ave u Gloria.*

*Min floch dina in-Novena tista tinghad il Curunella tal B. Consil aun migiuba, illi min igheida ucoll bid-devozioni jrbah 40 jum Indulgenza, b' degriet ta l'Iskof*

*mahrug fit 30 ta Novembru 1880.*

# CURUNELLA
TA
# MARIA SANTISSIMA
TAL
# *BON-CONSIL*

*li tinghad kabel il festa tahha*

I.

Tal Bon-Consil Maria
B' uiccna fl' art n' onorauch
Il barca lilna tia
Fil hin li nillodauch. Ave.

II.

Lil Scutari hazïna
Halleit ma-ridc taf biha
Ghax hallietec bla zïna
Ma ghammarc actar fiha. Ave.

III.

Lil Petruccia irrivelait
Cnisia tibni bil hrara
Ghax l' imhabba tahha rait
Lila mort taghmel ziara. Ave

IV.

Uara imcahhla inklait mil hait
Liz-zeug famigli tighec

Ghal triektec ippreparait
  Ghax ridtom jigiu mighec. Ave.

V.

Sefirt u dritt imxeit
  Il famigli tighec geu
Min fuk il bahar ghaddeit
  Fuk uicc l'ilma huma imxeu. Ave

VI.

B' Colonni ta shab, u nar
  Ridt int tferrah l' imseicnin
Biex tant bil-leil, chem bi-nhar
  Bla biza jimxu u kalbenin. Ave.

VII.

Sa Ruma mahhom ukaft
  U bla lilhom ma ghedt xein
Ghal geuua Genazzanu tlakt
  Il kniepel dakkeu bla idein. Ave.

VIII.

F'Tempiu li hemm lilec sar
  Int tinsab iz-zom ma imchien
Fih taghmel uisk grazzi cbar
  Imxandrin ma cullimchien. Ave.

IX.

Tcun cbira uisk xortina
  Iech iggiaghalna nishtu id-dnub,
Eja immela ghammar fina
  Ahna lilec noffru il klub. Ave.

## ANTIPHONA

Sub tuum praesidium confugimus, Sancta Dei Genitrix Virgo Mater de Bono Consilio; nostras deprecationes ne despicias, in necessitatibus nostris succurre, consilia nostra adiuva, et a periculis cunctis libera nos semper Virgo gloriosa et benedicta.

℣. Ora pro nobis, Mater Boni Consilii.
℟. Ut digni efficiamur promissionibus Christi.

## OREMUS

Deus qui Genitricem dilecti Filii tui Matrem nobis dedisti, eiusque speciosam imaginem mira apparitione clarificare dignatus es: concede, quaesumus; ut eiusdem monitis iugiter inhaerentes secundum cor tuum vivere et ad coelestem patriam feliciter pervenire valeamus. Per eumdem Christum Dominum etc. Amen.

# TALBA

O Xbeiba lictar gloriusa mghazula mill' Etern Consil bix tcun l'Omm tal Verb Etern mghamul bnidem, Tesoriera tal grazi t' Alla, u Avvocata tal midimbin, iena serv tighech lictar indegn leich nirricorri,

sabix tcun inti li tmexxini f' dan il uid tad-dmuh bil cunsilij tighech sbieh. F'gieh id-dem prezziosissimu tal Iben tighech divin aklaghli il mahfra ta dnubieti, issalvazioni ta ruhi, u il mezzi li jnhtiegiu bix nacquistgha. Ghamel li il Cnisia Mkadsa tohrog rebbieha mill' ghedeuua tahha, u li ir-regnu ta Gesù Cristu jixtered fuk il uic collu ta l' ard. Ech icun.

L' Mkaddes Papa Leone XIII fuk l'esempiu ta kablu u fost l ohraiu ta Pio IX ried li icun ua ucol mictub fil Pia Unione muakkfa Genazzanu bix jati gieh u kima lil M. SSma: taht ittitulu ta Ommtal Bon Consil u fix-xahar ta Novembru 1880 tà 100 jum In dulgenza lil dauc colla illi jirrecitau bil kalb it-talba aun fuk migiùba.

Il kima u iddevozioni tal Papiet iservu ta esempiu lil insara colla bix imitaua.

# GEMGHA TA TRIDUI
# li jnghadu fis-Santuariu ta Genazzanu

*ghal bzonnjiet tal Associati fil Pia Unioni tal Bon Consil.*

## TRIDUU

I.

O Sultana tas-smeujet Omm tal Consil it-tajeb, mzeina chif Inti, tiddi bi tnax il cheucba li jaghmlu curuna fuk ir-ras tighech; imdaura chif tinsab ucol min ktaja

ta Serafini li ibercuch u jtghaxxku bich b'cant ta ferh, Deh! ilkà it-tifhir ta kima u devozioni li joffrulech f'Genazzanu f'Ruma u f'tant lochjet ohra l'Associati fil Pia Unioni li hia muakkfa taht l'isem tighech f'dan is-Santuariu. Ipprotegiom, harisom fil bzon tahhom, atiom il grazzi li jxtieku sabiex bil vuci u bl'esempiu ixerdu il kima tighech u ech fil uakt li huma ihobbuch phala veri uliedech, jmmeritau li icunu minnech mahbubin b' imhabba lictar tenera.

*3 Ave u Gloria.*

II.

O mera safi u pur ta giustizia Omm tal Bon Consil, leich, li fich dejem ighammar l'Ispiritu Santu jersak phala duhhan ta incens li ifuh, it-talb devot li nippresentau a nom tghana u ta hutna mictubin fil Pia Unioni. Akalilna, o Omm ghaziza min ghand l'Iben tighech Gesù li nimitau il virtù tighech u li nokghodu dejem ghal pariri u il consigli tighech. Atina kalb safia u sincera, heggia fl'orazioni u sabar fil hem. Deh! ghamel o Maria li l'ghemil tghana icun jakbel mal kdusia ta l'isem nisrani li bih geina imzejnin fost tant infelici li jinsabu fid-dlamijet ta l'erruri.

*3 Ave Maria u Gloria.*

III.

O Torri ta David u Cheucba lictar tiddi ta Giacob, Omm tal Bon Consil, ahna nghazluch phala protettrici speciali fil pellegrinagg difficili tal haja tghana. Iech jghogboch, cun inti il Padruna u dic li tiehu hsieb ta diarna, tal famigli tghana u ta l'interessi tghana. Ftacar, o Omm, illi bix actar natuch tifhir, gloria u kima issehibna fil Pia Unioni tighech: ehlisna ghalech mil pericoli colla, icconsolana fil hem, harisna mill'assalti tal ghedeuua u uakt il pont tal meut tghana assistina. Kun Inti f' chelma uahda, it-tarca kauuja contra id-deni collu tar-ruh u tal gisem; fit-tempesti colla ta dina id-dinia Inti salvana, sabix naslu fil port tal eterna salvazioni kauujien u shah fein infahhru l'Alla ghal chem hi tuila l'eternità.

*3 Ave u Gloria*

## TRIDUU

*li inghad b'suffragiu ta l 'eruieh msehbin fil Pia Unioni.*

Is-sliema ghalich o Sultana Omm tal Consil it-tajeb u Omm tal hniena, haja, hleuua, u tama tghana: Inti illi min dan il uid tad-dmuh tismghana nibchu u nolfku lilech nirracmandau il-lum l'eruih ta hutna li chienu msiehba fil Pia Uaioni; hares lein il puini horox li kghedin isofru fin-nirien

tal Purgatoriu fein geu mizmuma mil giustizia t'Alla bix jtnaddfu mit-tebghat tahhom. Deh! issoccorriom, o Omm tal Bon Consil, ithol Inti ghaliom ghand Ibnech Gesù sabix lilhom japplica il meriti tad-Dem preziosissimu li xerred, u icunu jistghou jehdu sehem fir-Regnu tas-sema.

*3 Ave u Requiem.*

II.

Omm lictar helua, Maria tal Bon Consil li dejem thares bil hleuua lein l'imseicnin; Deh! ati harsa lein dac il calzri tal Purgatoriu, u issoccorri dauc l'eruih li chienu associati fil Pia Unioni tighech, la darba hia fich kgheda it-tama tahhom uara meutom ucol. Itlob lil Ibnech Gesù li jehlisom fîs mil ctajien li bighom huma marbuta f' dac il-loc ta tbatia u ghalech li ma jibkghoux izied mifruda minnhu u minnech li tant habbeu f'haijtom.

*3 Ave u Requiem.*

III.

Ghal dic is-rabta mkazza li izzomna mghakudin ma hutna meita, mictubin fil Pia Unioni, nargiou nitolbuch bil kalb colla, o Omm tal Bon Consil, li thenn ghaliom; Deh! ghalech hudom mighech itghaxxku fil Gloria Beata. Ftacar, li f' dina l'ard huma habbeuch, u bl'offerti u bil carità, u bil hila tahhom seddku is-Santuariu tighech;

jistghou ghalech icunu minnech minsia fein kghedin jbchu u ma jstghoux igheinu lilom nfusom? Ah le! kalbech ma taticx, Inti, li dejem habbeit u henneit ghal imscienin. Iftah mela, issa stess, il buib tal Genna u ippresentahom Inti stess lis-Sultan tal Gloria. Ech icun.

*3 Ave u Requiem.*

## TRIDUU

### ad unur ta Maria Santissima Omm tal Bon Consil ghal bzon ta xi had marid. (1)

I.

O Bint mahbuba tal Missier Alla Omm tal Bon Consil, Inti is-sahha tal morda, ghalech hën, nitolbuch, ghal mseicna persuna li tinsab mixhuta f' kih ta sodda u li tirracmanda ruha ghandech, per mezz tghana. Atia, nitolbuch, is-sahha tal gisem jech hia ghal ahiar tar-ruh, sabiex tista bigha tisserva ghal gid tahha u tal proxxmu u timitach fil virtù sbieh min tighech.

*3 Ave Maria u Gloria Patri.*

II.

O Omm purissima ta l'Iben divin Gesù, Maria tal Bon Consil, Inti li thenn ghal

---

(1) Dan it-Tridu u ta kablu jinghadu spiss kuddiem ix-xbiha tal Bon Consil Maria f' Genazzanu ghal intenzioni ta dauc li jordnauh.

imnictin, isma deh it-tnehid tal mseichen marid li mat-talb tghana jssieheb biex bih nitolbuch li ittaffilu l'ugieh tal mard. Ah! bizzejed hia harsa helua min tighech bix tferrah il kalb tighu, iggighelu jpprova u ihoss confort u tatieh ucoll sahtu, biex bigha jista icompli iservi l'Alla.

*3 Ave Maria u Gloria Patri*

III.

O Gharusa Immacolata ta l'Ispiritu Santu, Omm tal Bon Consil, Inti hia it-Tesoriera tal grazzi collha t'Alla, il ghaliex min ideich jghaddu, ghalech ucol ir-refugiu tal mseicnin, ilka, nitolbuch, ittalb tghana a nom ta dan il marid ( jeu marida ) illi fich ghandu tama kauuja il jacquista is-sahha tal gisem; Deh! immela atih mis-sema dic il medicina salutari li tfeiku u ahna mbghad cuntenti u hienia ghal grazia min dina ix-xorta, nistghou nibkghou nafuïlech ghala dejem. Ech icun.

*3 Ave Maria u Gloria Patri.*

*Imbghad jinghadu il-Litanjiet tal Madonna.*

## Chelmtein lill' Ommjet Insara.

L'Ommjet Insara imissom iehdu parti ebira uisk f' dina id-devozioni ta l' Omm tal Bon Consil; il ghaliex jech verament jixtieku isiru phala copia sabiha ta S. Monica protettrici tahhom ghandom f' collox jmitaua.

Ora S. Monica fil ghemil collhu tahha ma chinitx tati pass bla ma ticconsiglia ruha ma l'Omm tal Consolazioni li mis-SS. PP. chif gia ghedna giet imseiha il *Consigliatrici divina.*

Bil hila ta min, difatti, kalghet mil cbir Alla il gherf, bix gharfet bih tiggverna lil darha fit-tliet stati ta haijtà ta Gharusa, ta Omm u ta Armla u kazzet lil zeugia u lil binha u sahansitı a lila infisa? Mux forsi bil hila ta M. SSm̃a illi minnha, phala ghain ta ilma l' ictar safi, chienet tixrob consigli u pariri l'ictar sbieh u taibin specialment imbghat fin- nichet, li bih ghaddjet il biccia il cbira ta haijta ?

Eccu, mela O Ommijet Insara, ghaliex hia mehtiegia ucol mincom dina id-devozioni lein Maria SSm̃a taht dan it-titulu uisk sabih tal Bon Bonsil, li ïgib mighu flistess uakt dac tal hena u tal Consolazioni; sabiex min dina l' Omm ech hanina tghaıfu bil consigli sbieh min tahha tiggvernau il famiglia u fuk collox l' ulied, li

illum dina l' educazioni hia uisk necessaria.

La darba hua ech, f' dan il ctieb ma nghamilx hazin ingib kuddiem ghaineicom xi ftit tat-talb u xi osservazionjiet fuk il Pia Unioni tal Ommjet Insara diretta mil PP. Agñi tal Belt u tal Imdina, li hia tixbah uisk lil dic l' ohra tal Bon Consil li tinsab f' Genazzanu illi gia minna thadditna fl' Istoria.

## Nisel, tixrid, fini, necessitá u vantaggi ta dina il Pia Unioni.

Chinet is-sena 1850, u fl'euuel ta Meju li hafna ommjet desolati u afflitti ghal hzunia ta zuigiom u uliedom ingiabru f' cappella imseiha il *Madonna ta Sion* f' Parigi, emma taht id-direzioni tar-Rev; P. Teodoro Ratisbonne, appuggiati fuk dauc hil chelmiet ta Gesù Cristu, «*iech tnein ieu tlieta jngiabru fl'isem tighi, iena ninsab f'nofsom,*» irsolveu li ixerdu id-dmuh tahhom flimchien, bix icun izied potenti, u jtolbu ucol, uara Maria SSma. lil S. Monica li tipprotiegi lilhom lil zuiegiom u l'uliedom. Min dicnhar l'aun b'din il maniera ta talb sabu li uara Maria SSma. leuuel protettrici leuuel patruna u leuuel rifugiu ghal ommiet insara ittribolati, hia l'imkazza Monica. U ech chin il bidu ta dina l'opera sublimi

tal Pia Unioni.

Il bzon ta dina l'opera spirituali allura inhass uisk fis-società, ghal gïd cbir li ghamlet fir-ruh, illi fi zmien ta tmien snien chinu jnghaddu 317 il Pia Unioni fi Franza biss, barra min 29 fil Belgiu, fl'Isvizzera, fl'Inghilterra, fl'Austria u fl'Italia.

Ech chif il Papa Pio IX rà dina l'opera ech prodigiusa tixtered ma cullimchin, per mezz ta Brevi Apostolicu li jbda *Romani Pontificis*, fis-sena 1856 ghogbu jesalta dina il Pia Unioni, stabilita fi Franza, fl'unur ta *Arciconfraternita* u jmligha b'bosta facoltà u privileggi.

Dana l'esempiu imbghat giè imitat ucol fl'Italia; ghalix fis-sena 1863 giet stabilita f' Ruma Società ohra ta l'Ommjet Insara imseiha *Pia Unione delle madri cristiane* u fis-sena 1865 Pio IX esaltgha fl'unur ta Arciconfraternita bid-drittjet u il privilegj phal dic ta Parigi.

F'daun is-37 sena li ila tesisti dina l'Arciconfraternita, fl'Italia geu stabiliti izied min 250 società *(Pia Unioni)* u mahhom dic tal gzira ta *Malta*, colla chem huma imsehbin ma dic ta Ruma li jfformau esercitu shih ta ommjet Insara li jitolbu u jihabircu ghas-salvazioni tahhom ta zuiegiom u ta uliedom.

Il fini ta dina il Congregazioni hua dac, li tghamel gharajes u ommjet verament

insara scont chif irid Alla: fi cliem ihor, li icunu devoti lein Alla u Maria SSma. u lein il protettrici tahhom S. Monica; li icunu ihobbu lil proxxmu u fuk collox il zuiegiom u l'uliedom; li icunu casti, u fidili fid-doveri tahhom u specialment vigilanti fl'educazioni tal ulied. Tistax tcun hagia ictar commoventi u sabiha li l'ommjet jntakghou fl'imchien bix jtolbu ghal zuigiom u ghal uliedom, li daun xi drabi icunu esposti ghat-telfa ta ruhom?

Iech il vera Omm nisrania seriament tirrifletti u tati dakka ta ghain lein is-società tal-lum, ghanda tintebah minnufih, chem ghanda tati cas ta dina il Pia Unioni u tara chem tinhtieg fi zmenijtna. L'Omm nisrania ma hix obbligata li tassocia f'din il Congregazioni, izda meta dan ma tghamilix, tcun titlef mezz uisk efficaci li lilha tippresenta ir-Religion Cattolica. Ghaldakstant nitolbu u nirraccomandau bil kalb collha li l'ommjet jassociau u ihairu ohrain f' dina il Congregazioni tal Pia Unioni diretta mir-Rev: P. P. Agostiniani: u allura jarau li medianti it-talb comuni tahhom, jakalghou grazzi particolari min ghand Alla bil patrociniu ta S. Monica, chif stkarruh l'istess Dami ta Franza li chinu l'eulenin ta dina is-Società sabiha.

*Il vantaggi ta din il Compagnia huma:*

1. Is-Sacrificiu tal kuddiesa li isir cul xhar ghal mictubin fil Pia Unioni.

2. Il protezioni speciali ta Maria SSma. li dina hia ucol Omm hanina, u hua uisk ghal kalba li l'ommjet jrraccomandau ruhom u lil famigli tahhom lejgha.

3. Il protezioni tal imkadza Monica il ghaliex billi il kaddisin ghandom kauua particolari li jakghalou lil hattihor dauc il grazzi u virtù li bihom huma geu mzeinin, ghalech il patrociniu ta l'imkadza Monica icun potentissimu versu l'ommjet insara.

4. It-tghalim tad-Direttur, l'esempiu u it-talb tall'Associati li icun capaci li i-cattar iz-zelu u il hrara ta shabom berdin. Per mezz tal orazioni comuni imbghat l'ommiet jakalghou grazzi tal conversioni ta zuigiom u ta uliedom, u grazzi ohrain temporali.

5. Uara il meut icollom is-suffragj li jghamlu l'Associati haijn scond ir-regulamenti prescritti.

6. Fl' ahhar nett l'indulgenzi applicabili collha ghal Eruih tal Purgatoriu, tant plenarj chem parziali. Daun l' Indulgenzi huma mghotia mil Papa Pio IX bi brevi tat 12 ta Giugnu 1863 li jbda *Cum sicut accepimus*, fein icconcieda Indulgenza Plenaria lil mictubin fil Pia Unioni meta jtkar-

bnu fil festi li haun isfel insemmu, ieu fl'ottavi tahhom, jnvistau ucol il cappella tal Pia Unioni u jtolbu scond il fehma tal Papa: fis-

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 6 | ta | Jannar | Festa | tat-Tre Re |
| 2 | » | Frar | » | Purif. ta Maria SSma |
| 19 | » | Marzu | » | S. Giusepp. |
| 9 | » | April | » | Traslazioni tal gisem |
| 4 | » | Meju | » | S. Monica. [ta S. Mon. |
| 21 | » | Giugnu | » | S. Luigi Gonzaga. |
| 26 | » | Lugliu | » | S. Anna. |
| 28 | » | Auissu | » | S. Uistin Iskof. u D. |

Id-Duluri ta Maria SSma. It-telied Hatt ta [Settembru.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 2 | ta | Ottubru | » | L'Angeli Custodj. |
| 1 | » | Novembru | » | Il Kaddisin colla |
| 18 | » | Dicembru | » | Maria SSma tal hlas. |

Barra min daun il granet hem Indulgenza Plenaria fil giurnata ta l'ammissioni fil Pia Unioni; fil giurnata ucol ta l'anniversariu tal Consorelli meitin, u fil pont tal meut jech bil kalb u bl'indiema colla isemmu l'isem ta Gesù u ta Maria.

*L'Indulgenzi parziali imbghat huma daun:*

1. Indulgenza ta 7 snin u seba quaranteni cull darba li l' Associata tissieheb mall' ohrain darba fix-xhar ghal istruzionjet fil cappella destinata u titlob scond il fehma tal Papa.

2. Indulgenza ta 60 giurnata ghal cul Opera pia li issir a vantagg tal Pia Unioni.

# Talb particulari li jinghad mill' Ommjet insara.

## TALBA

*ta cull jum li tinghad min min hù mictub fil Pia Unioni.*

Vergini Santissima, Omm tal Verb Divín u Avvucata tghana potentissima tchellem mal kalb Adurabili ta Gesù, li dan ebda grazia ma jchadlech, u intercídi ghal bzonniet tghana u ta uliedna. Intomo Angeli Custodi itolbu ghal uliedna, S. Giusepp protettur efficacissimu, S. Giuan discipulu ghazis u apostolu mahbub ta Gesù, S Anna Omm ta Maria SSma, Santu Uistin Missierna, S. Luigi Gonzaga u Inti o Omm min tghana S. Monica itolbu il coll ghaliom u ghalina.

*Offerta l'Alla tal ulied.*

O Signur Gesù Cristu, Creatur u Redentur tal bnedmin, iena imseicna creatura tighech, aun mixhuta f' rigleich, noffrilech il frott ghaziz tal giuf tighi. Inti taituli u fdaitu lil imhabti, ed eccu ghaldakstant li iena nicconsacrah u noffriulech phal ma taituli. Deh! accetta din il creatura phal hagia tighech: inti xarrabta b'demmech il ghaziz, inti ríd terfahha ghalich, ilkahha mela, nitolboch, man-numru tas-servi

tighech sabiex tghania b'cul barca.

U inti o Omm tad-duluri li taf chem tisuili din il creatura u chem tisua lil Ibnech divin Gesù, deh! xerred, nitolboch, il protezioni kauja tighech fuka, u kegheda taht il patrociniu speciali tighech. Inti mis-sema cun l'Omm tahha il ghaliex inti cont li iggeneraita fost id-duluri tal Calvariu: f' gieh id-duluri tighech immela, o Omm kaddisa, iddefendiha, mexxigha inti fil cors ta hajita, u imbghat huda mighech tgaudi ghal chem hi tuila l'eternità. Ech icun.

## TALBA

### *ghal conversioni tal ulied.*

O Gesù tighi, chelli incun jena uahda min dauc l'ommjet sventurati li jatu ulied biex joffenduch f'din id-dinia, u jshtuch fil eternità? Ah Gesù Salvatur tighi chem dan il hsieb tighi kighed it-turmentani! Deh ghal meriti infiniti tad-Dem preziosissimu tighech, ehlisni min din id-disgrazia; Inti Alla Onnipotenti, tal hniena u fidil fil ughediet tighech, Inti li l'ulied ta l'gheira tibdilom f' ulied ta imhabba, igbed ghal hdanech, nitolboch, lil ibni mitluf u icconvertih bil grazia potenti tighech.

O Gesù hanin, eccu li jena hauna nippresentalech id-dmuh ta ghaineja u ittnehid ta kalbi; ghal carità svixxerata min

MELITENSIA LIBRARY

tighech li mis-sema nizzlitech f'dina l'art ghas-salvazioni tal eruih, thallix titbighed minnech dina l' Omm sconsolata chif inhi. Isma it-talb tighi, ghamel li jena ma indumx ma nargia nara l' ibni fil hdan tighec o Missier hanin. Ech icun.

## TALBA

*ghal conversioni tar-ragel.*

Liema turment ghal kalb tighi ma jgeddidlix, o Gesù, meta niftacar cul darba li zeugi jgheix bgheid minnech! Ah Gesù tighi tabilhak, li hua ma ihobbochx, li ma ghandux biza tighec, li ma jatix cont tal-ligi imkazza tighech! Forsi ghakdaia din taghana? U x' ghad icun minnhu ? Deh ! mela o Signur, illumina il menti tighu u ghamel li jargia ghat-triek tal virtù, sabiex fil uakt li incunu nippartecipau it-tnein mil barca tighec, nistghou nghamlu seuua id-doveri tghana, u giurnata nistghou ingaudu fi hdanech dich l' unioni ta paci, ta ferh u felicità eterna. Ech icun.

## TALBA

*ghal paci tal famiglia.*

O Gesù mahbub Redentur tghana, Signur u Tesorier ta cul grazia, iena Leich indauar l'ghainein tighi biex nitolboch dach it-tesor prezius tal paci ech necessaria fil famiglia nisrania. Ah! min jaf f' chem u

UNIVERSITY OF MALTA

chem deni tinsab famiglia fein ma emx il hena, il consolazioni u il paci tighech? Deh! mela ejia, o Alla hanin, u b' dac il cmand li bih trakkad il killa tar-rijh u ta l' ibhra, rakkad u taffi il passionjet li jcsru il paci tal famiglia tighi, u b' dic il heffa li inti nissilt il paci lid-discipuli ghe-ziez min tighech, nissila ucol fil kalb ta cul uiehed mil famiglia tighi, sabiex b'im-habba uahda u bi spiritu uihed nistghou inservuch ghal dejem. Ech icun.

## TALBA

*ghal bzonnjet tal Consorelli tal Pia Unioni*

O Gesù misericordius, f' gieh dic il pre-mura li bigha irricmandait lil Insara servi tighech l' eserciziu tal carità ta uihed ma l'ihor; ilkgha nitolbuch, it-talb tghana ghal bzonnjet spirituali u temporali ta hutna li jtnghedu taht il pis tal hem; thalliomx uisk, o Gesù, fid-duejak tahhom, izda ic-consolahom mill' actar fis f' gieh il hniena tighech infinita. Ech icun.

## TRIDUU

**lil S. Monica, patruna u mudel ta l'Ommiet insara.**

1. O gloriusa S. Monica, jena niccompren-di tajeb liema chin dac id-dulur kauî li ni-fidlech kalbech meta smait u intbaht bil

erruri u il vizî ta ibnech Agostinu. Deh! ghal dauch id-duejak li sofreit, ghad-dmuh ucoll li xerridt illi bieh chellech il hila takla min ghand Alla il grazia tal conversioni ta Agostinu, ghamel bl' intercessioni potenti min tighech, li uliedi jbkghou mehlusin min disgrazia phal din u jgheixu dejem fidili f'dach li tghallem Omma il Cnisia imkazza.

Pater Ave u Gloria.

2. O gloriusa S. Monica meta inti bkait fidila dejem tuiddeb, ticcorriegi, tinvigila u thabrech bl'orazioni u bid-dmuh; fil uakt li il kalb ta Agostinu ma riditx tïrrendi, Alla chin donnhu ma jttendix bid-duejak tighech, ghallimtna chem virtù Alla l'imbirech rïd juri fid-dmuh u fit-talb ta Omm imnicta u desolata; Deh! ghalech, ghal dach iz-zmien tuïl li domt f' tant duejak u nichet aklghali min ghand Alla fidi costanti fl' obblighi ta nisrania li jena b'tali mod li, uara li incun is-santificait il famiglia, nista ghalech nigbor il frott taddmuh tighi.

Pater Ave u Gloria.

3. O gloriusa S. Monica, min jsta jfem il consolazioni li ipprovait meta rait l'ibnech icconvertit, gia niedem, sghobien u risolut li isir kaddis. Deh! liema frott ma chinx dach li inti gbart mid-dmuh, missabar u mil cbar industrj li ghamilt biex

ticconvertih! Min jaf b'lima hleuua u generosità Alla l'imbirech lakgha u irricompensa is-sospiri tighech! Inti issospirait u ridt li Agostinu icun iben ta cbira fidi, u Alla ghamlu Rghaij u Duttur mill' akua, Kaddis u Daul tad-dinia. O Omm iffortunata mela uara li tait l'ibnech lid-dinia, stait imbghat ittih lis-sema, deh! issa li id-dmuh tighec tbiddel f'ferh cbir, itlob ghalia, bint id-dmuh, itlob ghal uliedi u ghamel li iena nista natihom ucol l' Alla chif taghomli; ghamel ucol, li jech jabbandonau it-triek it-taiba, iena incun nista nargia inuassalom fil hdan t'Alla.

Pater Ave u Gloria.

## TALBA

O Alla Sabar tal imnictin u Sahha ta min jtma fich, Inti li bi cbira hleuua ilkait id-dmuh tal imkazza Monica fil conversioni ta binha Agostinu, deh! ghal intercessioni tahhom it-tnein atina grazia li nibchu dnubietna n nakilghou il mahfra tighech, u dan nitolbuulech ghal meriti ta Gesù Cristu Signur tghana. Ech icun.

## TALBA

### ta l'Ommijet insara lil Maria Santissima tal Bon Consil.

Omm imkadsa tal B. Consil hares leina mixhutin aun kuddiemech biex nitolbuch

ghainuna. Ftacar li Inti cont ucol f'dina l'ard, sofreit uisk mrar u kalbech thabtet bosta ghal Ibnech Gesù frott tal Giuf tighech mkaddes. Izda Ibnech chin Alla ucoll u il maternità tighech chinet il bidu ta cul cobor, u l'unuri tighec collha.

Omm ghaziza, l'ulied li Alla fdalna fideina, kalbna thabbat sicuit ghalli gei fukom; il periculi li bihom huma mdaurin huma bosta, l' ghedeuua li iridu il kerda tahhom u it-telfa ta l'innocenza huma uisk chiefra u ostinati. O Maria il cura tghana ma hix bizzejed, l'imhabba li ghanna ta Omm ma hix bizzejed biex issalvahom; Inti biss tista dan collhu u lilech nafdau phala Omm lictar ghaziza, l'ulied min tghana. Bil consigli tighec mexxiom, Inti, fiddlamjet ta dina il haija, iddefendiom mixxibka li jonsbilom il ghadu chiefer biex itelfilhom l'innocenza tahhom, ghaineich dauuar fukom u ehlisom min cul deni.

Lilnha imbghat o Maria Omm tal Bon Consil, atina consigli ta gherf kauui biex neducau l' uliedna fil biza t' Alla, u fil cors tal haja tahhom la tinsa kat tipprotegihom sa chem ma tarahomx assicurati u uniti maommjetom fil Beata Eternità. Ech icun.(1)

(1) L'Ommjet insara li irrecitau bil kalb dina it-talba spiss, jokghodu sicuri li l'Omm t'Alla Maria tnizzel favuri u grazzi fukom u fuk il famigli tahhom bil protezioni tahha continua.

# TALBA
## tal Ommjet insara lil Patriarca S. Giusepp.

O glorius imkaddes Patr: S. Giusepp li min Alla geit mghazul b' Cap ta l' ekdes famiglia, deh! mis-sema cun ucol Cap tal famiglia li haun mixhuta f'rigleich titolboch li terhi ruha taht il mant tal protezioni tighech kauuja.

Sa min dan il mument nghazluch biex thares l' uliedna phala hagia tighech, iddefendinha fil pericoli collha u harisna mittakrik ta l' ghedeuua visibili u invisibili: assistinha fil bzon collhu, hennina flimrar tal haja u fuk collox fil pont tal meut. Ghaddilnha chelma uahda biss ma Gesù mahbub li Inti gibt, min jaf chem, fuk dirghaich Bambin ckeiken; ma Maria ucol Virgni gloriusa li tahha cont Gharus castissimu, u min ghandhom akalilna dauc il grazzi li jdrulech necessarj ghal gïd tghana u tas-salvazioni ta ruhna; ghamel li din il famiglia haun mixhuta titolboch, issehhieba man-numru ta dauc li huma lech ghaziez u ech hia tghamel cull ma emm bzon biex tgheix chif irid Alla u ech tcun degna tal Patrociniu imkaddes tighech. Ech icun.

*L' Ommjet insara devoti tal Bon Con-*

*sil ma jnseux dan il cbir kaddis li chien uisk krib, b' rabta speciali, lein Maria, phala Gharus purissimu illi S. Bernard minnhu mär igheid li hua sieheb uisk fidil tal cbir Consil,* " Quem constituit Dominus......., Magni Consilii coadjutorem fidissimum. „ *( Hom. 2 super Missus est. )*

# TALBA

## lil Santa Rita Religiusa Agostiniana mseiha avvucata tal Casi impossibili. (1)

O gloriusa protettrici ta l'impossibili S. Rita, xemx tiddi tal Cnisia imkadsa, merha u mudell tas-sabar, flagell tad-demonj, sahha tal morda, hëna tal imnicctin, ghageb tal kaddisin u esemplari ta kdusia, gharusa mahbuba ta Gesù Cristu, incurunata u mżeina b'uahda mix-xeuchijet tal curuna tighu ahna mixhutin kuddiemech, bil kalb collha umiliati u marbutin mal volontà t'Alla, nitolbuch takalilna is-sabar u il ghakda mal volontà t' Alla fil hemm u fil guai li fih ncunu, u li nimmeditau tajeb il passioni u il meut ta

(1) Dina il kaddisa ia dic li mil Papa Leone XIII giet canonizzata f'dina is-sena fost il ferh ta culhad.

Gesù li inti f'dic il curuna tax-xeuch cont tant ticcontempla.

Hares inti o S. Rita avvucata potenti tghana, lein il fehma taiba tghana, lein it-talb li nghamlulech u lein ix-xeukat sbieh tghana, sabiex nakilghou il mahfra ta dnubietna. Ech icun.

3 Pater Ave u Gloria.

## TRIDUU
### li jinghad ad unur ta S. Nicola ta Tolentinu biex ueihed iakla is-sahha fil mard.

*Deus in adjutorum etc.*

B'umiltà lictar profonda mixhutin aun kuddiemech, o Gesù Sacramentat, illi tinheba f'dic l'Ostia Sacrosanta ghal imhabbitna u ghal confort ta ruhna; Leich, li inti il missier tal hniena, Alla ta cull consolazioni, niedma u sghobiena nirricorru biex nakilghou is-sahha tal gisem ta uihed imseichen marid (ieu marida) iben min tighech mifdi b' demmech l' ghaziz, u li leich jrricmanda ruhu b' fiducia kauuja bix jigi mehlus mil marda tighu tant chiefra.

It-talb tghana, izda, o Gesù, hua uisk deboli, u mhabba htijitna, ma ahnix degni tal grazzi tighech. Ghalech nixtieku li ittalb tghana jigi imsehheh mil potenti in-

tercessioni tas-serv tighech fidil il cbir Taumaturgu S. Nicola!

Leich ghaldakstant indauru l' ghainein tghana, u nsemmghou lehna o cbir kaddis gigliu ta purità, veru modell tal penitenza u ta cull virtù sublimi. Inti cont destinat mn'Alla bix thenn ghal imseicnin, b' mod u maniera li id-devoti tighech cul darba li seihu il patrociniu efficaci tighech rau it-tempesti jtrazznu u jc-calmau, id-demonj jaharbu, jntfeu il fiammi tan-nar, il mard jspiccia u sahansitra meitin irxuxtati. Deh mela! Isma it-talb fervurus li bil kalb nghamlulech, sabiex jghogboch takla min ghand Alla il feikan tal marid (ieu marida) divot tighech li tant ghandu fiducia fich.

Iva o cbir Taumaturgu S. Nicola, ghal dac il cbir ferh li giarrabt metà geit icconsolat u mhënni mill'Angeli b'armonia lictar helua ta cant, u meta inti cont mixhut f' sodda marid immeritait li icolloch ziara mill'Omm t'Alla Maria SSma u minnha miracolosament geit mfejak; deh ithol ghal dan il marid (jeu marida) li jtlob l'intercessioni tighech u ghamel li jehu sahtu, sabiex icun jsta ictar ifahhar u ibirech f' dina l'ard l'Alla hanin u lilech Protettur tighu, u ech giurnata mighech jigi icanta it-tifhir tal misericordia t'Alla ghal chem hi tuila l'eternità. Ech icun.

7 Pater, Ave u Gloria.

RESPONSORIUM

Aegri tuto confugiunt,
Ad Nicolai miracula,
Quae perpetrantur sanguine,
Unda manante, ac panibus.

Febres, dolores fugiunt,
Pestis et leprae macula
Ignis, procellae, et grandines,
Mors et omnis calamitas.

Piceni omnesque sentiunt
Strygum retundi jacula,
Pelli daemonum turbines,
Acquiri resque perditas.

Febres etc.
Gloria Patri et Filio et Spiritui Sancto.
Febres etc.

*Antiph.* Nicolaus verus Christi pauper, Virgo a Deo electus, obedientiam jugiter servans Eremitarun Ordinem signis et virtutibus decoravit.

℣. Ora pro nobis Beate Nicolae.
℟. Ut digni efficiamur etc.

OREMUS

Concede quæsumus omnipotens Deus, ut Ecclesia tua, quae Beati Nicolai Confessoris tui virtutum et miraculorum gloria coruscat; ejus intercessione et meritis per-

petua pace atque unitate laetetur.

Populum tuum Domine, gratia tua custodiat, ut qui Sancti Nicolai Confessoris tui jugiter implorant auxilium, petitionum suarum salutarem consequantur effectum. Per Christum Dominum nostrum. Amen.

## TIFHIR U TALB
### *lil cbir taumaturgu*
## S. NICOLA TOLENTINU

*li jinghad fil festa ieu flt-tridui li isirulu fil Cnejes ta S. Uistin*

I.

F' Tolentinu, cbir Nicola,
Cheucba gdida hrixt moghnia
Bl' acbar daul tal eghgiubjet,
Illi isebbhu lil Kdusia
Ghal chem habbec edac Alla,
Li uisk cmieni inti habbeit,
Cbir Kaddis, ithol ghalina,
Cull hemm b' talbec uarrab bgheit.
*Pater, Ave, Gloria.*

II.

Fic mad-dehen tider tiddi,
Cbira imhabba tas-Salib:
Ghal chem zgheir ghadec tarbia;
Bil kies tarda sal halib.

Chif bis-saum int drait tinhakar
Sa min dac iz-zmien sabih;
Il mohkria ta dal gisem
Int darrina minnufih.
*Pater, Avê gloria.*

III.

Ghadec tfajel il Kuddiesa
Cul jum tisma bl' acbar hrara,
U mill' Ostia lil Gesù
Jigi ighankec inti tara.
Min dil hrara sehem bis
Chiecu irridu geuua kalbna!
Gid hecc cbir Alla jatina
Jec int b' talbec tkauui talbna.
*Pater, Ave, Gloria*

IV.

Ebda rabta katt ma chellec
Lein is-seher ta din l' art:
T' Agustinu il lbies thazzimt,
U b' Missierec lilu htart.
Din id-digna chem hi haina
Li naghirfu int akilghilna,
Biex il kerk nistghu nahirbu
Min tax-xibca li tonsbilna.
*Pater, Ave, Gloria.*

V.

Ghaddeit dejem haja t' Anglu
Min ghair tebgha t' ebda htia,
Ghax harist, edic il biuda,
Li tmeghixt fil Maghmudia.
Gmiel hu dana illi ighaxxakna

Ghal chem ahna midimbin,
Soghba mela int akilghinna,
Biex nindafu phal nedmin.
*Pater, Ave, Gloria.*

VI.

Ghal chem hakrec l' eereh ghadu
Sa bis-saut, u bit-tbiccir;
Dejem baka mirbuh minnech
U ghar tmieghex l'izied cbir.
Int bis-setgha li tach Alla
Minna bighed din it-tbiba:
Ir-ruh taghna uettak dejem,
Biex taht sniena katt ma iggiba.
*Pater, Ave, Gloria.*

VII.

Dic il chelma, li min fommoc
Chienet tohrog tan-nirien,
Bl' eghgiubjet imsiehba dejem,
Rebhet dejem cullimchien.
Bhal Apostlu eghneit il Cnisia
Rebbieh dejem mil hzunia,
Bit-talb tighec issa gheina
Sa biex toctor fil Kdusia.
*Pater, Ave, Gloria.*

VIII.

Hdimt sa lahhar, u mal hedma
Mard mill' ehrex lilec zdiet:
Izda meut ghaziza chellec,
U hlas icbar fis-smeuiet.
Dic iz-ziara, u l' istedina,
Illi chellech ghala il Genna,

Akilghinna fil meut taghna,
Sa biex ruhna ucoll tithenna.
*Pater, Ave, Gloria.*

IX.

L' eghgiubjet hergin min kabrec
Alla ried ma jehdeu katt:
Il hsarat iuissi Demmec,
Hniena igiarrab hem coll hatt.
Lilna mela li inuegghuc,
Ja Nicola, tinseniex:
Gheina dejem bit-talb tighec,
Bhala iltiema thalliniex
*Pater, Ave, Gloria.*

## TALBA

O cbir Kaddis S. Nicola, gloria ta l' Ordni Agostinian u Protettur tal Cnisia Imkaddsa, imkanklin min fidi hajja u tama kauuia fill protezzioni tighec, Leich nerfghu il ghajnejn taghna fiz-zmenijet hziena li fihom ninsabu, biex tharisna mid-deni u tehlisna mill' hemm collu taghna.

Deh! immela, o Nicola, mill gloria tas-Sema mnejn kighed tara il guerra tal Cnisia ta Gesù Cristu mall' eghdeuua tahha u il guaj ta tant erruri u hazen tal bniedmin, arfa kuddiem Alla dauc id-dirghajn tighec ta l'ghageb, urih id-demm miraculus li xerrid minnhom cull darba li heddidtna ghal gid ta ruhna; urih ucoll it-tnehid u id dmuh li ahna inxerdu mux biss

fuk il hemm u guaj taghna, imma uisk actar fuk dnubijetna li huma il htia; ikaf maghna bill patrociniu kauui tighec li bih tant drabi ukaft ma l' insara, biex ahna ucoll nohorgiu rebbehin mill' eghdeuua.

U chif int fiid-dinja dhirt ucoll ta kalb colla hniena lejn l' imsejcnin Erueh tal Purgatoriu u bit-talb u suffragi tighec hlistom min dauc il horox dbatijet, deh! issa ucoll mis-Sema idhol ghalihom u ehlisom min dach il calzri u fuk collox ftacar f' dauc li jistenneu ghajnuna minnha. Heh icun. *Pater, Ave, Gloria u Requiem.*

Lil min igheid bil kalb il Corunella, l'Eccmu u Revmu. Mons. P. M. Saut jati 40 jum Indulgenza, bid-degriet tat 28 Agostu 1851.

L' Eccmu, u Revmu, Mons. Fr. G. M. Camilleri Iskof ta Ghaudex jati 40 ohra lil min igheid bil kalb it-Talba, b' degriet tat 22 ta Jannar 1898.

## Novena f' gieh il gloriusa S. Anna

*bix uihed jakla il protezioni tahha fil bzon tighu, per mezz ta daun il ferhat.*

I.

Nifrahlech bil kalb o gloriusa S. Anna, li geit mghazula sa mill eternità fost in-nisa collha phala Omm ta Sittna Maria Vergni l'Omm t'Alla. Deh! ghal dina is-

sabiha dignità, ghamel li Alla ihares leja b' harsa ta hniena u jatini l' indiema tal htijet tighi u il grazia li ma nidnibx izied.

*Pater, Ave u Gloria.*

II.

Nifrahlech bil kalb o impareggiabili S. Anna, ghal dach il ferh kauui li inti hasheit, meta, uara tant orazionjet, carità lil fokra u ghemil ihor sabih tighech l'Anglu habbarlech li tcun Omm ta Sittna Maria. Deh! ghal ferh phal dan aklghali min ghand Alla il milia tal imhabba tighu.

*Pater Ave u Gloria.*

III.

Nifrahlech bil kalb o felicissima S. Anna ghal dach il ferh liema phalu li ipprovait fit-Tuelid tal Immacolata Sittna Maria. Deh! ghal ghegiubijet cbar li bihom Alla zejen dina il purissima Concezioni ta Maria, ghamel li iena nissocta it-triek tal indafa u ngheix fidil m'Alla sa l' ahhar nifs ta haiti.

*Pater, Ave u Gloria.*

IV.

Nifrahlech bil kalb o ix-xurtiata S. Anna, ghal dach il cbir ferh li giarrabt meta semmeit il bintech *Maria,* meta taitha il halib, educaita u haddanta bosta drabi. Deh! ghal tant ferh li hasseit fi' ispiritu

tighech inti u targha ticber fil gherf fil pietà u leich soggetta, ghamel li Hi tgheini fit-tentazionjet u fil hemm tighi, specialment uakt il pont tal meut.

*Pater, Ave u Gloria.*

V.

Nifrahlech bil kalb collha o imbierca S. Anna ghal dach il ferh particolari li Inti kgheda iggiarrab fis-sema meta tara il Bintech imghollia fuk il Cori collha ta l' Angeli fil-lemin ta binha Gesù, phala Imperatrici u Sultana tad-dinia, tatich kima phala Omm min tahha u tghamel il volonta tighech. Deh! ghal gloria min dina ix-xorta aklali grazia li nissahhah fiddevozioni tighech cul jum, sabiex mbghat niehu sghem mil ferh tighech fis-sema.

*Pater, Ave, u Gloria.*

# CURUNELLA

## tal Gloriusa S. Anna Omm Sittna Maria Virgini

1

Inselmulech o Sant' Anna,
Omm Ix-xebba tax-xebbiet,
Geuua Kalbech int dahhalna
Isma lilna mis-Smeuuiet.
Pater, Ave, Gloria.

2

Alla htarech ta Maria,
Omm li tixrak fost culhat,
Uahdech hu dina ' l fohria,
Ghax phal Bintech ma hem hat.
Pater, ecc.

3

Inti Anna art imbierca
Fein nisselt l' isbah fiur,
Tal gîliu, u il uarda xierka,
Li tcun Omm ir-Redentur.
Pater, ecc.

4

Uisk imzeina bil gmiel t' Alla,
Saret Bintech fost il bniet,
Ghax min fdiha kat ma halla
Li tit-tabba bid-dnubiet.
Pater, ecc

5

Minnech tuieldet ir-Regina
Min tal' Angli u il Kaddisin
Min ghair tebgha u colla zina
Ghageb cbir min tal bnedmin.
Pater, ecc.

6

Dina Bintech chem habbeita,
Li b' tant hleua int raddait,
Izda L' Alla int offreita,
U fit-tempiu lilu tait.
Pater, ecc.

7

Inti Tempiu ta dic L' Arca,
Fein incarna il Verb divin,
Itlob inti li jati il barca,
Lilna insara midibin.
Pater, ecc.

8

Inti Anna Omm hanina
Ta Maria u taghna ucoll,
Ftacar int immela fina
Biex issalva lilna il coll.
Pater, ecc.

9

Fich nitimghu o Sant' Anna,
Itlob L' Alla int sicuit
Li giò ' l Genna iuassalna
Biex ingaudu dac il gid.
Pater, ecc.

## HYMNUS.

Fortem virili pectore
Laudemus omnes feminam,
Quae sanctitatis gloria
Ubique fulget inclyta.
Haec sancto amore saucia
Dum mundi amorem noxium
Horrescit, ad cœlestia
Iter peregit arduum.
Carnem domans jejuniis,
Dulcique mentem pabulo
Orationis nutriens,

Coeli potitur gaudiis.
Rex Christe virtus fortium,
Qui magna solus efficis,
Hujus precatu, quaesumus,
Audi benignus supplices.
Deo Patri sit gloria,
Ejusque soli Filio,
Cum Spiritu Paraclito
Nunc et per omne saeculum. Amen.

ANT. Manum suam aperuit inopi et palmas suas extendit ad pauperem et panem otiosa non comedit.

℣. Ora pro nobis Beata Mater Anna.
℟. Ut digni efficiamur promissionibus Christi.

OREMUS

Deus, qui Beatæ Annæ gratiam conferre dignatus es, ut Genitricis Unigeniti Filii tui Mater effici mereretur; concede propitius ut cujus solemnia celebramus, ejus apud te patrociniis adjuvemur. Per eundem Christum Dominum nostrum. ℟. Amen.

*L'Eccm̃u. u Revm̃u. Mons. Fra Gaetano Pace Forno Arciskof u Iskof ta Malta b' degriêt tas 19 ta Lugliu 1865 jati 40 jum indulgenza lil min igheid din il Curunella, u 40 ohra lil min igheid l'Innu.*

# LIL GRAN VERGNI MARIA TAL BON CONSIL

## INNU

O Gloriusa Omm min t' Alla
Min hu capaci ifahhrech chif imiss
Li bl' Immagini mkadsa tighech
Ureit li ghola minnech hu Alla biss.
Ilka immela it-tifhir tghana
Omm tal Bon Consil Maria
Ghax il glorj cbar min tighech
Jsthokkilom cul fohria.
Sa mill' euuel tad-Dehra tighech
Ureit ruhech Regina tas-sema u l'ard
Tant chienu cbar il prodigj tighech
Li mleu bil ferh, u feiku cull mard.
Pingiuta cont fi Cnisia ta Scutari
B' ghageb inklait mil hait
U migiuba bl' idein ta l' Angeli
Geuua Genazzanu iccollocait.
Il pellegrini li geu mighech
Ghaddeu il bahar u ma ptellu xein
Dan chien signal tal ghainuna tighech
U ta mhabbtech leihom it-tnein.
Is-shaba baida li dehret fl' aria
Ghattiet ix-xemx, u bil-leil rmiet id-dia
Uriet it-triek lid-devoti tighech
Ufil viagg tuil ma hasseux tbatia.
Meta usalt sal bujeb ta Ruma

Ma raux izied l' Immagini tighech
Lil culhat kalu dach li gralom
U uara ftit rgiait sibtom mighech.
Int mort dritt lein Genazzanu
F' giurnata ta concors cbir,
U ghad-Dehra tal Immagini tighech
Culhat bil ferh ried donnu itir.
Il kniepel dakku uhudom
U stkarreuch b' Regina tahhom
In-nies collha ferhu bosta
Ghaliex rau li mort tokghod mahhom.
Tistenniech chienet dich id-devota
Petruccia mara ta chbira kdusia
Li cont ghettila tibni Cnisia
Biex l'Immagini tighech tkighed figha.
O Genazzanu ard mbierca
Li geit mohtara fost tant bliet
Biex tircievi dan ir-Rigal tas-Sema
Li fieh dehru tant eghgiubjiet!
Fil-loch li ghogboch tghazel
Int kgheda fl'aria ma izzom ma mchien
Dan igheiduh l'Auturi collha
Chif hu mgharuf ma cullimchien.
Xi ngheidu mbghad mil grazzi tighech
Oh! min jsta ighoddom, min igheid,
Chem huma cbar u prodigiusi
Li Inti bdeit tghamel u kat ma hdeit?
Xieda cbira ta dan collhu
U ta chem fiducia tnisslet Fich
Huma tant populi li geu kuddiemech
Biex jnvistauch u jtghaxxku Bich,

Verament li hu ghal kalb t'Alla
It-titlu sabieh li jatuch l'Insara
Ghax cull fein dahlet l'Immagini tighech
Tbighed id-deni u qualunque hsara.
Iech ivvenerata taht dan it-titlu
Ghogboch tghamel l' actar cbir gid
Ghamel li nirricorru Ghandech
Nafu li kuddiem Alla tista chem trid.
Iech il Gran Alla ghogbu jonura
Din l' Immagini Mkadsa tighech
ghamel li ahna nivvenerauha
U uassalna il Genna mighech.
Gloria l' Alla li jista collox
Li ir-Regnu tighu ma jgharafx tmiem
Ghax tant esalta l' Immagini tighech
Li bil miraculi tiddi ma cullimchien.

P. E. Abela O. S. A.

*Inti, o Karrai devot, ghal xi sbagli ta l' istampa u tal lsien malti, li mahhom iltkait fil cors tal kari ta dan il ctieb, nitolboch bil kalb li ticcompatini, u nitma minnech li thares mux leihom, izda lein il volontà tighi* " Ut desint vires, tamen est laudanda voluntas. „

TMIEM.

# Approvazioni tal General tal Ordni

P. FR. TOMMASO RODRIGUEZ
MAESTRO IN S. TEOLOGIA
PRIORE GEN. DELL'ORD. EREM.
DI S. AGOSTINO

Avendo fatto esaminare il lavoro del Revdo P. Giovanni Genovese del nostro Ordine, Parroco di S. Maria del Buon Consiglio in Genazzano, intitolato: « *La storia di Maria SSma del Buon Consiglio.* » e scritta in lingua Maltese, ed essendo stato riconosciuto che non contiene cosa alcuna contraria alla Fede ed ai buoni costumi, diamo per parte nostra la licenza che sia pubblicato per le stampe.

In fede di che rilasciamo il presente attestato munito del Sigillo del nostro Ufficio.

Dato in Roma dal Collegio di S. Monica A dì 2 Aprile 1900.

Fr. Thomas Rodriguez
Glis. O. S. A.

M. Fr. Agostino Zampini
Segretario dell'Ordine

L. ✠ S.

Reg. 272.

# UERREI

Pag.


Protesta . . . . . . . . . . . 4
Dedica . . . . . . . . . . . . 5
Ghal min jakra. . . . . . . . . 7

LEUUEL TAKSIMA

Genazzanu u il kima lein Maria SSma taht it-titulu ta Omm tal B. Consil. 11
Bidu tas-Santuariu ta Genazzanu per mezz tal B. Petruccia . . . . 17
L'Immagini ta Maria tal Bon Bonsil thalli Scutari u tmur tokghod Genazzanu . . . . . . . . . . 21
Fuk l'Immagini tal Madonna tal Bon Consil . . . . . . . . . . 31
Fuk il Cnisia ta Scutari . . . . 36
Fuk is-Santuariu ta Genazzanu, il festi, privileggi u indulgenzi lilu mghotija . . . . . . . . . . 40
Miraculi u grazzi a favur tad-devoti ta Maria SSma tal B. Consil . 51
Ftit ta l'Istoria mehtiegia . . . . 62
Fuk il Pia Unioni ta Maria SSma. tal Bon Consil. . . . . . . . . 72
Condizionijet biex uiehed jinchiteb fil Pia Unioni tal Bon Consil . . . 77

Pag.
Indulgenzi plenarj . . . . . . . 77
Indulgenzi parziali . . . . . . . 78
Gid Spirituali li jacquistau l'Associati li igheinu is-Santuariu . . . . 79
Fuk l'Abitin tal Madonna tal Bon Consil . . . . . . . . . . . . 79
Indulgenzi plenarj u parziali . . . 83
Chif jitbirech u jinghata l'Abitin tal Bon Consil . . . . . . . . . . 84

## IT-TIENI TAKSIMA

Dahla ghat-tieni taksima . . . . 87
Kima ta cull fil ghodu lil Omm hanina tal B. Consil . . . . . . . 89
Kima ta cull fil ghaxia . . . . . 91
Tifchiriet li tati l'Omm tal B. Consil lid-devoti tahha . . . . . . . . 93
Novena ad unur ta Maria SSma tal Bon Consil li tisua ucoll bi thejia ghal festa tahha . . . . . . . 96
Curunella ta Maria SSma. tal Bon Consil . . . . . . . . . . . . 100
Gemgha ta tridui li jnghadu fis-Santuariu taGenazzanu . . . . . . 103
Triduu ghal bzonjet tal Associati fil Pia Unioni tal B. Consil . . . 103
Triduu li jnghad b'suffragiu ta l'eruieh msehbin fil Pia Unioni . . 105
Triduu ghal bzon ta xi had marid . 107

Pag.
Chelmtein lill'Ommjet insara . . . 109
Nisel, tixrid, fini, necessità u vantaggi tal Pia Unioni tal Ommjet insara. 110
Talb particulari li jinghad mil Ommjet insara . . . . . . . . . . . 115
Triduu lil S. Monica padruna u mudel tal Ommjet insara . . . . . . . 118
Talba tal Ommjet insara lil Maria SSma. tal Bon Consil . . . . 120
Talba tal Ommjet insara lil Patriarca S. Giusepp. . . . . . . . . 122
Talba lil S. Rita mseiha avvucata tal Casi impossibili . . . . . . . . 123
Triduu li jinghad ad unur ta S. Nicola ta Tolentinu biex uihed jakla issahha fil mard . . . . . . . . 124
Tifhir u talb lil S. Nicola li jinghad fil festa tighu . . . . . . . . 127
Novena f' gieh il gloriusa S. Anna 131
Curunella . „ „ „ „ . 133
Innu lil Maria SSma tal B. Consil. 137

NIHIL OBSTAT
Melitæ die XIX Martii 1900
Isidorus Can. Formosa Cens. Theol.

IMPRIMATUR
Datum Melitæ die XIX Martii 1900.
Ios. Can. Cant. Marcieca Vic. Genlis.